REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/927

tal-15 ta' Ġunju 2022

li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali) li joriġinaw mill-Indja, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/387 ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju kompensatorju fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali), li joriġinaw mill-Indja ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għaliha bħala "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Id-dazju kompensatorju impost varja minn 8,7 % għal Jindal Saw Limited għal 9 % għal Electrosteel Castings Ltd u "l-kumpaniji l-oħra kollha".

(3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/388 ([3]), il-Kummissjoni imponiet ukoll dazju anti-dumping definittiv fuq l-istess prodott. Id-dazju anti-dumping impost varja minn 0 % għal Electrosteel Castings Ltd għal 14,1 % għal Jindal Saw Limited u "l-kumpaniji l-oħra kollha".

(4) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fiT-300/16 u T-301/16 ([4]), il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżbalji li nstabu mill-Qorti Ġenerali meta ġie kkalkolat id-dazju anti-dumping u kompensatorju għal Jindal Saw Limited. Permezz tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/526 ([5]) u (UE) 2020/527 ([6]), il-Kummissjoni imponiet mill-ġdid dazju anti-dumping u kompensatorju definittiv ġdid għal Jindal Saw Limited, bir-rati ta' 3 % u 6 % rispettivament.

(5) Id-dazji kompensatorji attwalment fis-seħħ huma ta' 6 % għal Jindal Saw Limited u 9 % għal Electrosteel Castings Ltd u "l-kumpaniji l-oħra kollha". Id-dazji anti-dumping attwalment fis-seħħ huma b'rati li jvarjaw bejn 0 % għal Electrosteel Castings Ltd, 3 % għal Jindal u 14,1 % għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/388 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja, li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 53).

([4]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw Ltd u Jindal Saw Italia SpA vs il-Kummissjoni Ewropea, T-301/16, ECLI:EU:T:2019:234 u T-300/16, ECLI:EU:T:2019:235.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/526 tal-15 ta' April 2020 li jimponi mill-ġdid dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit tal-ħadid fondut sferojdali) li joriġinaw mill-Indja fir-rigward ta' Jindal Saw Limited wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fiT-300/16 (ĠU L 118, 16.4.2020, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/527 tal-15 ta' April 2020 li jimponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u ta' pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit tal-ħadid fondut sferojdali) li joriġinaw mill-Indja fir-rigward ta' Jindal Saw Limited wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fiT-301/16 (ĠU L 118, 16.4.2020, p. 14).

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(6) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti ([7]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(7) It-talba għal rieżami ta' skadenza ġiet ippreżentata fil-21 ta' Diċembru 2020 minn Saint-Gobain PAM, Saint-Gobain PAM Deutschland GmbH u Saint-Gobain PAM España S.A. ("l-applikanti"), f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' sussidjar u f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(8) F'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Indja ("GOI") qabel il-bidu tal-proċediment li kienet irċeviet talba għal rieżami dokumentata kif xieraq. Il-Kummissjoni stiednet lill-Indja għal konsultazzjonijiet bl-għan li s-sitwazzjoni rigward il-kontenut tat-talba għal rieżami tiġi ċċarata u biex jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Il-GOI aċċetta l-offerta tal-konsultazzjonijiet li saru sussegwentement fl-10 ta' Marzu 2021. Matul il-konsultazzjonijiet, ma setgħet tinstab l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(9) Wara li ddeterminat, wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni, fis-17 ta' Marzu 2021, bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili li joriġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku. Din ippubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(10) Fl-istess data, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-istess prodott ([10]).

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u perjodu ta' analiżi**

(11) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tas-sussidjar u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ("il-perjodu ta' analiżi").

1.5. **Partijiet interessati**

(12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-produtturi tal-Unjoni, lill-produtturi magħrufa fl-Indja u lill-awtoritajiet tal-Indja, lill-importaturi, l-utenti magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet meqjusa bħala kkonċernati dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza, u stednithom jieħdu sehem.

(13) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw fuq il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. L-ebda parti interessata ma talbet seduta ta' smigħ.

([7]) Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri kompensatorji (ĠU C 210, 24.6.2020, p. 28).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

([9]) In-Notifika ta' Bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' tubi u ta' pajpijiet tal-ħadid fondut duttili li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 90, 17.3.2021, p. 8).

([10]) In-Notifika ta' Bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 90, 17.3.2021, p. 19).

(a) ***Kampjunar***

(14) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(15) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' tliet produtturi tal-Unjoni. Dawn il-produtturi tal-Unjoni huma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, jiġifieri bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020. Il-kampjun definittiv tal-produtturi tal-Unjoni kien jirrappreżenta [70-85] % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u [70-85] % tal-volum totali stmat tal-bejgħ tal-Unjoni tal-prodott simili, u dan żgura wkoll firxa ġeografika tajba.

(16) F'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju, iżda ma rċeviet l-ebda kumment. Il-kampjun provviżorju għalhekk ġie kkonfermat u tqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar tal-importaturi

(17) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Madankollu, peress li l-ebda importatur mhux relatat ma ppreżenta ruħu, il-kampjunar ma kienx meħtieġ.

Kampjunar ta' produtturi fl-Indja

(18) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi magħrufa kollha fl-Indja biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Gvern tal-Indja biex jidentifika u/jew jikkuntattja lil produtturi oħrajn, f'każ li kien hemm, li setgħu kienu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(19) Billi tliet produtturi biss ipprovdew tweġiba għall-kampjunar fil-limitu ta' żmien previst, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

(b) ***Kwestjonarji***

(20) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-GOI, lill-grupp tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u lit-tliet produtturi esportaturi li kienu pprovdew tweġiba għall-kampjunar. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([11]) fil-jum tal-bidu.

(21) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi tal-Unjoni, mill-GOI u minn wieħed biss mill-produtturi fl-Indja, Tata Metaliks Limited ("TML"). Għalkemm ippreżentaw it-tweġibiet għall-kampjunar, iż-żewġ produtturi l-oħra fl-Indja sussegwentement ma ppreżentawx tweġiba għall-kwestjonarju u, għalhekk, ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

(c) ***Verifika***

(22) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment stabbiliti minn diversi pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-produttur esportatur u fil-bini tal-GOI. Minflok, il-Kummissjoni kkontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa għad-determinazzjonijiet tagħha f'konformità mal-Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([12]). Il-Kummissjoni wettqet kontroverifika mill-bogħod tal-produttur esportatur li ġej:

— Tata Metaliks Limited

([11]) https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?ref=ong&id=2521&sta=1&en=20&page=1&c_order=date&c_order_dir=Down.

([12]) Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

(23) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għall-investigazzjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni li ġejjin u ta' entità tal-bejgħ relatata fl-Italja:

— Saint-Gobain PAM, Pont-à-Mousson, Franza

— Saint-Gobain PAM Deutschland GmbH, Saarbrücken, il-Ġermanja

— Saint-Gobain PAM Italia S.p.A., Milan, l-Italja

(d) ***Proċedura sussegwenti***

(24) Fit-18 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(25) Tata Metaliks Limited biss ippreżentat kummenti sal-iskadenza. Il-kummenti li għamlet Tata Metaliks Limited ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ttieħdu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq. Barra minn hekk, il-GOI ppreżenta kummenti, iżda dawn ġew ippreżentati aktar minn għaxart ijiem wara li l-iskadenza għall-kummenti kienet skadiet.

(26) Sabiex titlesta l-investigazzjoni sal-iskadenzi obbligatorji, il-punt 7 tan-Notifika ta' Bidu jistipula li l-Kummissjoni mhux se taċċetta preżentazzjonijiet mill-partijiet interessati wara l-iskadenza biex jiġu pprovduti kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tqis il-kummenti tal-GOI. Madankollu, din innotat li l-preżentazzjoni tagħha ma ressqet l-ebda element ġdid li l-Kummissjoni ma kinitx qieset matul l-investigazzjoni. L-ebda parti ma talbet seduta ta' smigħ.

1.6. **Kummenti dwar il-bidu**

(27) Utent wieħed, jiġifieri Hydro Mat Benelux, u produttur esportatur wieħed, jiġifieri Tata Metaliks Limited, ippreżentaw kummenti dwar il-bidu.

(28) Il-Kummissjoni nnotat li Tata Metaliks Limited ippreżentat il-kummenti tagħha dwar il-bidu fis-17 ta' Frar 2022, aktar minn disa' xhur wara l-iskadenza ta' 37 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu kif definit fil-punt 5.2 tan-Notifika ta' Bidu. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisitx din il-preżentazzjoni.

(29) Il-Kummissjoni nnotat li filwaqt li ppreżentat kummenti dwar il-bidu, Hydro Mat Benelux ma kkooperatx bis-sħiħ fl-investigazzjoni. B'mod partikolari, il-kumpanija ma mlietx il-kwestjonarju stabbilit għall-utenti li seta' jintuża għall-kontroverifika ta' xi whud mid-dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt, jiġifieri, pereżempju, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi jew id-dokumenti relatati mal-akkwist pubbliku.

(30) L-ewwel nett, Hydro Mat Benelux sostniet li l-proċediment jenħtieġ li jintemm peress li t-talba ma ġietx ippreżentata fi żmien tliet xhur qabel id-data tal-iskadenza, imsemmija fin-Notifika ta' skadenza imminenti. ([13])

(31) Il-Kummissjoni ċċarat li d-data ta' preżentazzjoni msemmija fin-Notifika ta' Bidu ma kinitx tikkorrispondi mad-data li fiha ġiet ippreżentata t-talba. Kif jidher fil-verżjoni miftuħa tat-talba għal rieżami, disponibbli fil-fajl mhux kunfidenzjali mis-17 ta' Marzu 2021, u li hija aċċessibbli mill-partijiet interessati kollha, it-talba ġiet ippreżentata kif xieraq fit-18 ta' Diċembru 2020, li huwa fil-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(32) It-tieni, Hydro Mat Benelux sostniet li hemm użu eċċessiv ta' kunfidenzjalità fit-talba. B'mod partikolari, l-industrija tal-Unjoni indiċizzat l-indikaturi kollha li jikkonċernaw il-prestazzjoni ekonomika tagħha. Il-parti rreferiet għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1336 fejn il-Kummissjoni żvelat id-*data* mikroekonomika ta' produttur uniku tal-Unjoni. ([14])

([13]) ĠU C 210, 24.6.2020, p. 28.

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336, tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1), il-premessi (442) u (460-471).

(33) Il-Kummissjoni nnotat li fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1336 il-mikroindikaturi kollha (il-prezzijiet u l-volumi tal-bejgħ, il-kost unitarju tal-produzzjoni, il-kostijiet lavorattivi, l-istokks tal-għeluq, il-profittabbiltà, eċċ.), ġew ipprovduti f'firxiet jew f'indiċijiet.

(34) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-verżjoni tat-talba għal rieżami ta' skadenza li tpoġġiet fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* mmarkata bħala kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jagħmlu kummenti sinifikanti u jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom matul il-proċediment.

(35) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku jippermetti s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew ikollu effett negattiv sinifikanti fuq persuna li tipprovdi l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha dik il-persuna tkun kisbet l-informazzjoni. Għaldaqstant, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(36) It-tielet, Hydro Mat Benelux sostniet li l-ewwel nofs tal-2020 ma kienx jirrifletti ċirkostanzi ekonomiċi normali u qieset li dak il-perjodu ma kienx rappreżentattiv biex issir valutazzjoni li tħares 'il quddiem tal-konsegwenzi tal-iskadenza tal-miżuri li qed jiġu diskussi. Hydro Mat Benelux sostniet li l-prestazzjoni negattiva tal-industrija tal-Unjoni fl-ewwel nofs tal-2020 kienet ikkawżata mill-impatti ekonomiċi negattivi minħabba l-COVID-19 u miż-żieda fil-kost tal-materja prima fis-swieq dinjija li ma setgħetx tiġi mgħoddija lill-konsumaturi downstream. Barra minn hekk, din sostniet li għall-perjodu bejn l-2017 u l-2019 l-indikaturi prinċipali ma wrewx vulnerabbiltà iżda pjuttost industrija tal-Unjoni b'saħħitha, b'mod partikolari meta ġew analizzati l-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-inventarji, l-investimenti, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-profittabbiltà.

(37) Il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jirrikjedi li t-talba għal rieżami ta' skadenza għandu jkun fiha raġunijiet biżżejjed li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dannu. F'dan il-każ, l-analiżi speċifika tad-dannu fit-talba għal rieżami ta' skadenza kien fiha evidenza li tindika penetrazzjoni sinifikanti tas-suq tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Indjani magħmula bi prezzijiet li sostanzjalment iwaqqgħu l-prezz u li jwasslu għal bejgħ taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li t-talba għal rieżami ta' skadenza kien fiha evidenza biżżejjed ta' kontinwazzjoni ta' dannu u ċaħdet l-affermazzjoni.

(38) Ir-raba', Hydro Mat Benelux analizzat il-perjodu bejn l-2017 u l-2020 u argumentat li d-*data* disponibbli dwar l-importazzjonijiet ma tappoġġax l-affermazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu. Barra minn hekk, Hydro Mat Benelux sostniet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani, il-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz ikkalkolati mill-applikant ma kinux affidabbli peress li l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu jirriflettu l-prezz tat-trasferiment bejn il-partijiet relatati, jiġifieri l-produtturi Indjani u s-sussidjarji relatati tagħhom. Fl-aħħar nett, Hydro Mat Benelux sostniet li l-produtturi Indjani żiedu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom sabiex ilaħħqu mas-suq domestiku Indjan li qed jikber u li l-produtturi esportaturi prinċipali Indjani ma ppjanawx li jestendu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom.

(39) Il-Kummissjoni qieset li l-ebda waħda mill-allegazzjonijiet ma ċaħdet il-konklużjoni li kien hemm evidenza biżżejjed għall-bidu ta' investigazzjoni ta' rieżami antisussidji. Tabilħaqq, it-talba għal rieżami ta' skadenza kien fiha evidenza biżżejjed li l-importazzjonijiet sussidjati kellhom impatt materjalment dannuż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-applikanti pprovdew mhux biss kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, iżda wkoll fil-livell tal-konsenja fil-bini tal-klijenti li juru twaqqigħ tal-prezz ta' mhux inqas minn 14,9 %. L-analiżi tad-dannu speċifika tat-talba għal rieżami ta' skadenza wriet żieda fil-penetrazzjoni tas-suq tal-Unjoni (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi) mill-importazzjonijiet mill-Indja magħmula bi prezzijiet li waqqgħu sostanzjalment il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Dan jidher li kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni, li jidher, pereżempju, minn tnaqqis fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq, u minn deterjorament tar-riżultati finanzjarji. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(40) Fir-rigward tal-affermazzjoni li ż-żieda fil-produzzjoni Indjana se tkun diretta biss lejn is-suq Indjan, Hydro Mat Benelux ma pprovdiet l-ebda evidenza. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(41) Il-ħames, Hydro Mat Benelux sostniet li l-kwistjonijiet ġenerali dwar il-kompetittività jenħtieġ li ma jiġġustifikawx sejba ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu. Hydro Mat Benelux elenkat diversi entrati bħall-fatt li l-konsum tal-Unjoni naqas mill-kriżi taż-żona tal-euro bi tnaqqis fl-infiq pubbliku, u b'hekk kellu impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni, il-kompetizzjoni tal-pajpijiet tal-plastik, id-diffikultà li jiġu attirati l-impjiegi, iż-żamma ta' pożizzjoni dominanti, il-pressjoni ta' importazzjonijiet Ċiniżi oħos fuq il-proċess tas-sejħa għall-offerti.

(42) Din l-affermazzjoni hija indirizzata hawn taħt fil-premessa (256).

(43) Wara l-iżvelar, Tata Metaliks Limited ippreżentat li d-*data* fit-talba għal rieżami relatata mad-*data* u mal-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kopriet il-perjodu minn Lulju 2019 sa Ġunju 2020. Madankollu, in-Notifika ta' Bidu ddefiniet il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami minn Jannar 2020 sa Diċembru 2020. Fil-fehma tal-kumpanija, l-applikanti kellhom jaġġornaw it-talba għal rieżami ta' skadenza abbażi tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ddefinit fin-Notifika ta' Bidu, u din id-*data* kellha tkun disponibbli għall-partijiet. Billi ma ċċirkolatx din it-talba aġġornata għal rieżami lill-partijiet, fil-fehma tal-kumpanija, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 12.1.2 u l-Artikolu 12.1.3 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM").

(44) L-ewwel nett, hija l-prattika komuni tal-Kummissjoni li tibbaża s-sejbiet tagħha fuq l-aktar *data* riċenti disponibbli. Din id-*data* mhux neċessarjament tikkorrispondi mal-perjodu ddefinit fit-talba għal rieżami ta' skadenza peress li setgħet ma kinitx disponibbli fiż-żmien meta ġiet ippreżentata t-talba għal rieżami. Il-Ftehim SCM ma fih l-ebda dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tibbaża s-sejbiet tagħha fuq l-istess perjodu kif iddefinit fit-talba għal rieżami ta' skadenza. It-tieni, il-partijiet kollha kellhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar is-sejbiet u l-evidenza li kienu relatati mal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ddefinit fin-Notifika ta' Bidu matul l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma kisret l-ebda dritt proċedurali jew il-Ftehim SCM u ċaħdet l-affermazzjoni.

(45) Tata Metaliks Limited rreferiet ukoll għall-fatt li l-Kummissjoni ċaħdet il-kummenti tagħha dwar il-bidu minħabba li dawn saru wara l-iskadenza prevista fin-Notifika ta' Bidu (ara l-premessa (28). Fil-fehma tagħha, l-iskadenza tapplika biss wara l-wasla tad-*data* riveduta mill-applikanti li tkun relatata mal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, kif definit fin-Notifika ta' Bidu. Tata Metaliks Limited argumentat ukoll li huwa "prinċipju stabbilit tal-ġustizzja naturali" u "pożizzjoni stabbilita tal-liġi fil-ġurisdizzjonijiet" kollha li l-preżentazzjonijiet rigward kwistjonijiet ta' liġi jistgħu jitqajmu wara l-iskadenzi.

(46) Kif spjegat fil-premessa (44), il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami kien relatat mal-aktar perjodu riċenti li għalih kienet disponibbli d-*data*, u dan il-perjodu mhux dejjem jikkorrispondi mal-valutazzjoni preliminari tat-talba għal rieżami. Barra minn hekk, l-iskadenza fin-Notifika ta' Bidu kienet relatata b'mod espliċitu mad-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika, u mhux ma' xi data oħra bħall-preżentazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni minn parti. L-iskadenza fin-Notifika ta' Bidu ma tagħmilx distinzjoni bejn kwistjonijiet ta' liġi u ta' fatt, u tapplika bl-istess mod għat-tnejn. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott ikkonċernat**

(47) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess wieħed bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali) ("pajpijiet duttili"), bl-esklużjoni ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili mingħajr kisi intern u estern ("pajpijiet mikxufin"), li joriġinaw mill-Indja, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7303 00 10 (kodiċi TARIC 7303 00 10 10) u ex 7303 00 90 (kodiċi TARIC 7303 00 90 10) ("il-prodott ikkonċernat").

(48) Il-pajpijiet duttili jintużaw għall-provvista tal-ilma tax-xorb, ir-rimi ta' drenaġġ u t-tisqija ta' art agrikola. It-trasport tal-ilma permezz ta' pajpijiet duttili jista' jsir permezz tal-pressa jew tal-gravità biss. Il-pajpijiet ivarjaw bejn 60 mm u 2 000 mm u huma twal 5,5, 6,7 jew 8 metri. Dawn normalment ikunu miksija minn ġewwa bis-siment jew materjali oħra u minn barra biż-żingu, biż-żebgħa, jew bit-tejp. L-utenti finali prinċipali huma l-kumpaniji tal-utilità pubblika.

2.2. **Prodott simili**

(49) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(50) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' SUSSIDJAR

(51) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u kif iddikjarat fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti għandhiex probabbiltà li twassal għal kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tas-sussidjar.

3.1. Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet wara l-impożizzjoni tal-miżuri

(52) Fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali ([15]), l-Indja esportat lejn l-Unjoni [80 000 – 100 000] tunnellata tal-prodott ikkonċernat (abbażi tal-EU27) ([16]). Bejn l-2016 u l-2018, wara l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi f'Marzu 2016, l-importazzjonijiet naqsu u varjaw bejn 38 000 u 55 000 tunnellata fis-sena. Fl-2019, l-importazzjonijiet mill-Indja reġgħu żdiedu għal [64 000 – 75 000] tunnellata.

(53) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat naqsu għal [44 000 – 52 000] tunnellata. Fl-2021, wara l-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, l-importazzjonijiet reġgħu żdiedu għal-livell tal-2019.

(54) B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Indja baqgħu fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami f'livelli importanti u kienu jirrappreżentaw madwar [10 – 14] % tas-suq tal-Unjoni, meta mqabbla ma' [15 - 20] % tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Indjani rrappreżentati matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali.

3.2. Bażi għas-sejbiet

(55) Kumpanija waħda biss, Tata Metaliks Limited, ikkooperat fl-investigazzjoni (ara t-Taqsima 1.5). Il-kumpanija bbenefikat mit-tliet skemi ta' esportazzjoni kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali, l-aktar għall-esportazzjoni tagħha lejn pajjiżi terzi. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-kumpanija biegħet il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tagħha fis-suq domestiku ([17]). Il-produtturi esportaturi Indjani li esportaw lejn l-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti ma kkooperawx. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tillimitax ruħha għall-użu tal-informazzjoni ppreżentata minn Tata Metaliks Limited biex tiddetermina l-livell ta' sussidjar tal-produtturi esportaturi tal-pajpijiet duttili fl-Indja, u minflok tiddependi fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(56) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għall-analiżi tagħha, il-Kummissjoni użat il-fatti kollha disponibbli għaliha, b'mod partikolari:

— It-talba għal rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku;

— Is-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali;

— L-informazzjoni pprovduta mill-GOI;

— L-informazzjoni pprovduta minn Tata Metaliks Limited;

— Sejbiet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 ([18]).

3.3. Skemi ta' sussidju eżaminati fl-investigazzjoni attwali

(57) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx hemm kontinwazzjoni ta' sussidjar billi analizzat jekk is-sussidji kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali komplewx jibbenefikaw lill-industrija Indjana ta' pajpijiet u tubi duttili. Fil-każ ta' skemi ta' sussidju li ntemmew, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk dawn l-iskemi kinux ġew sostitwiti minn skemi oħra simili u jekk inħolqux skemi ġodda.

([15]) Mill-1 ta' Ottubru 2013 sat-30 ta' Settembru 2014.

([16]) Iċ-ċifri fl-investigazzjoni oriġinali ntwerew f'firxiet jew f'indiċijiet minħabba l-kunfidenzjalità.

([17]) Il-kwantitajiet esportati rrappreżentati fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami huma inqas minn 0,1 % f'termini ta' fatturat tal-prodott ikkonċernat.

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/433 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-dumping provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli llaminati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 24), il-premessi (190)-(205).

(58) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, fid-dawl tas-sejbiet ta' din it-Taqsima, li jikkonfermaw l-eżistenza ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar fir-rigward tas-sussidji kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali, ma kienx hemm ħtieġa li jiġu investigati s-sussidji l-oħra kollha li l-applikant allega li jeżistu. Ladarba l-Kummissjoni tistabbilixxi li hemm evidenza ta' sussidjar kontinwat 'il fuq minn *de minimis* skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ma jkunx meħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont eżatt ta' sussidjar f'investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza.

(59) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkumpensat l-iskemi li ġejjin:

(1) Dħul mitluf jew mhux miġbur tal-gvern li normalment kien ikun dovut:

— Skemi ta' Eżenzjonijiet mid-Dazju u ta' Remissjoni

(a) Skema ta' Fokus fuq il-Prodott, sostitwita bi skema bl-isem ta' "Skema għall-Esportazzjonijiet tal-Merkanzija mill-Indja" ("MEIS") fil-perjodu bejn l-2015 u l-2020;

(b) Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali ("EPCGS");

(c) Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju ("DDS")

(2) Forniment ta' oġġetti jew servizzi għal remunerazzjoni mhux adegwata

— Forniment ta' mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata

3.3.1. *Skema ta' Fokus fuq il-Prodott ("FPS") sostitwita mill-Iskema għall-Esportazzjonijiet tal-Merkanzija mill-Indja fl-2015-2020*

3.3.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(60) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iskema ta' Fokus fuq il-Prodott, li kienet fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, kienet tipprevedi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din l-iskema kienet ibbażata fuq il-pjan tal-Politika tal-Kummerċ Barrani ("FTP") għall-2009 sal-2014.

(61) Ir-rati tas-sussidju stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali għall-iskema FPS kienu jvarjaw minn 3,11 % sa 4,35 %.

(62) Madankollu, wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, l-iskema ntemmet u ġiet sostitwita minn skema ġdida bl-isem ta' "Skema għall-Esportazzjonijiet tal-Merkanzija mill-Indja" ("MEIS"). Il-MEIS issostitwiet għadd ta' skemi preeżistenti, inkluża l-FPS. Il-MEIS tipprevedi kundizzjonijiet simili għal dawk li l-FPS ikkumpensat fl-investigazzjoni inizjali. Għalhekk, fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni qieset li s-sejbiet fir-rigward tal-FPS japplikaw ukoll għall-MEIS.

3.3.1.2. Kontinwazzjoni tal-iskema ta' sussidju

(63) L-iskema MEIS baqgħet fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. L-eżistenza tal-iskema ġiet ikkonfermata wkoll mill-GOI fit-tweġiba għall-kwestjonarju kif ukoll mill-produtturi esportaturi li kkooperaw bħal Tata Metaliks Limited li wkoll ibbenefikat mill-iskema.

(a) ***Bażi ġuridika***

(64) Il-MEIS hija bbażata fuq l-Att tal-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GOI sabiex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni. Dawn huma miġburin fil-qosor fid-dokumenti FTP, li normalment jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati b'mod regolari.

(65) Il-MEIS hija deskritta fil-pjan ta' ħames snin tal-Politika tal-Kummerċ Barrani għall-2015-20 ("FTP 2015-2020"). Il-proċeduri li jirregolaw l-FTP 2015-2020 huma spjegati f'aktar dettall f'"Handbook of Procedures, 2015-2020" ("HOP 2015-2020").

(66) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-MEIS tinsab fil-kapitolu 3 tal-FTP 2015-2020 u fil-kapitolu 3 tal-HOP 2015-2020.

(b) ***Eliġibbiltà***

(67) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) ***Implimentazzjoni prattika***

(68) Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jibbenefikaw mill-MEIS billi jesportaw prodotti speċifiċi lejn pajjiżi speċifiċi, li huma kkategorizzati fil-Grupp A ("Swieq Tradizzjonali" inklużi l-Istati Membri kollha tal-Unjoni), fil-Grupp B ("Swieq Emerġenti u Fokus") u l-Grupp C ("Swieq Oħra"). Il-pajjiżi li jaqgħu taħt kull grupp u l-lista ta' prodotti b'rati ta' ppremjar korrispondenti huma elenkati fl-Appendiċi 3B tal-HOP aġġornat.

(69) Il-benefiċċju jieħu l-forma ta' kreditu ta' dazju ekwivalenti għal perċentwal tal-valur FOB tal-esportazzjoni. Ir-rata tal-MEIS fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet tammonta għal 3 %.

(70) Skont il-paragrafu 3.06 tal-FTP 2015-20, ċerti tipi ta' esportazzjonijiet huma esklużi mill-iskema, eż., l-esportazzjonijiet ta' oġġetti importati jew ta' oġġetti trażbordati, l-esportazzjonijiet meqjusin, l-esportazzjonijiet ta' servizzi u l-fatturat tal-esportazzjoni ta' unitajiet li joperaw taħt żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet li joperaw fl-esportazzjoni.

(71) Il-krediti tad-dazju skont il-MEIS jistgħu jiġu ttrasferiti liberament u huma validi għal perjodu ta' 18-il xahar mid-data tal-ħruġ filwaqt li ċ-ċertifikati tal-krediti tad-dazju li nħarġu fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-ħruġ skont il-paragrafu 3.13 tal-HOP 2015-2020 aġġornat.

(72) Jistgħu jintużaw għal: (i) ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali, (ii) ħlas ta' dazji tas-sisa fuq l-akkwist domestiku ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali u ħlas, (iii) ħlas tat-taxxa tas-servizzi fuq l-akkwist ta' servizzi. Iċ-ċertifikati jistgħu jinbiegħu wkoll fis-suq.

(73) Fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ Barrani trid timtela applikazzjoni online għat-talba tal-benefiċċji skont il-MEIS. Id-dokumentazzjoni rilevanti (poloz ta' kargu, ċertifikat ta' realizzazzjoni bankarja u ċertifikat tal-iżbark) trid tkun mehmuża mal-applikazzjoni online. L-Awtorità Reġjonali rilevanti tal-GOI toħroġ il-kreditu tad-dazju wara li tagħmel skrutinju tad-dokumenti. Sakemm l-esportatur jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti, l-Awtorità Reġjonali ma għandha l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-krediti tad-dazji.

(d) ***Kontribuzzjoni finanzjarja u benefiċċju***

(74) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju huwa mogħti lir-riċevitur fil-mument meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni skont din l-iskema. Attwalment, il-GOI joħroġ kreditu ta' dazju, li jitniżżel fil-kotba mill-produttur esportatur bħala dejn pendenti li jista' jiġi kkumpensat mill-produttur esportatur fi kwalunkwe mument. Dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza ta' kargu tal-esportazzjoni, il-GOI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li huwa xieraq li l-benefiċċju skont il-MEIS jiġi vvalutat bħala s-somma tal-ammonti miksuba fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jkunu saru skont din l-iskema matul il-PI.

(e) ***Speċifiċità***

(75) Barra dan, il-MEIS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk hija meqjusa bħala speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(b) tar-Regolament bażiku.

(f) ***Konklużjoni dwar il-MEIS***

(76) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-MEIS ipprovdiet sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Il-kreditu ta' dazju tal-MEIS huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI, billi l-kreditu eventwalment jintuża sabiex jikkumpensa d-dazji fuq l-importazzjoni mħallsin fuq l-oġġetti kapitali, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GOI li kieku kien irid jitħallas. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju tal-MEIS jagħti benefiċċju lill-esportatur, li ma huwiex soġġett għal ħlas ta' dawk id-dazji fuq l-importazzjoni. Għal kumpanija, li tbigħ ċertifikati tal-MEIS fis-suq, l-iskema tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja diretta.

(77) Il-Kummissjoni nnotat li l-MEIS skadiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, fl-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, sa tmiem l-2021, il-kumpaniji xorta setgħu japplikaw għal ċertifikati tal-MEIS għat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li saru fl-2020. Barra minn hekk, il-kumpaniji xorta jistgħu jużaw iċ-ċertifikati tal-MEIS miksuba fl-2021 sabiex jibbilanċjaw id-dazji tal-importazzjoni dovuti, sal-15 ta' Settembru 2023. B'hekk, il-benefiċċji skont din l-iskema ġew riċevuti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u se jkomplu anke wara l-impożizzjoni tal-miżuri.

(78) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li f'Awwissu 2021, il-GOI ppubblika linji gwida ta' skema ġdida bl-isem ta' Skema ta' Remissjoni tad-Dazji u tat-Taxxi fuq Prodotti Esportati ("RoDTEP"), li tissostitwixxi l-MEIS. L-iskema RoDTEP tissemma bħala mekkaniżmu għar-rimborż ta' taxxi/dazji/imposti, fil-livell ċentrali, statali u lokali, li bħalissa ma humiex qed jiġu rimborżati taħt l-ebda mekkaniżmu ieħor, iżda li huma mġarrba fil-proċess tal-manifattura u tad-distribuzzjoni tal-prodotti esportati ([19]). Il-GOI ħabbar rati ta' rimborż għas-setturi differenti. Dawn ir-rati huma soġġetti għal reviżjoni fi kwalunkwe mument. Għalkemm fiż-żmien tal-investigazzjoni r-rati għall-industrija tal-ħadid u għall-prodott ikkonċernat ma ġewx imħabbra, is-settur talab li jiġi inkluż fl-iskema, kif huwa kkonfermat ukoll mill-produttur li kkoopera, Tata Metaliks Limited, u rata għall-industrija kienet għadha qed tiġi diskussa. ([20])

3.3.1.3. Konklużjoni

(79) Minħabba li s-sitwazzjoni legali ma nbidlitx b'mod sostanzjali, il-Kummissjoni qieset li fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-MEIS kompliet tkun ta' benefiċċju għall-industrija tal-pajpijiet duttili. Il-Kummissjoni għamlet l-istess sejbiet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/433.

(80) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat il-livell preċiż ta' sussidjar ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni rrikorriet għall-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Ir-rata ta' sussidju fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali fir-rigward tal-FPS ikkumpensat fl-investigazzjoni oriġinali u sostitwita mill-MEIS (li nstab li tagħti benefiċċji simili) varjat bejn 3,11 % u 4,35 % (ara l-premessa (61).

(81) Peress li r-rata tal-MEIS ammontat għal 3 % FOB meta mqabbla ma' 5 % FOB skont l-FPS fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, il-benefiċċju riċevut mill-industrija tal-pajpijiet duttili skont il-MEIS fl-RIP naqas kif xieraq. Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/433, il-benefiċċji li nstabu għall-produtturi tal-azzar inossidabbli llaminat fil-kiesaħ kienu 1,87 % u 1,92 % għar-rata tal-MEIS ta' 2 %. Il-Kummissjoni qieset li l-benefiċċji għall-produtturi tal-pajpijiet duttili skont il-MEIS għalhekk jammontaw għal ftit inqas minn 3 % u għalhekk, ma jkunux negliġibbli.

(82) Wara d-divulgazzjoni, Tata Metaliks Limited ippreżentat li l-MEIS ipprevediet ir-rimborż ta' (a) taxxi indiretti marbuta mal-produzzjoni u mad-distribuzzjoni tal-prodotti esportati, u (b) taxxi indiretti kumulattivi fuq l-inputs ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati. Din argumentat li skont il-Ftehim SCM, ir-rifużjoni ta' dawn il-kategoriji ta' taxxi ma hijiex kompensatorja. Din sostniet ukoll li anki jekk jinstab li l-MEIS kienet kompensatorja, dan il-programm ġie tterminat fil-31 ta' Diċembru 2020.

(83) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet. Kif huwa spjegat fil-premessi (60)- (81), il-kumpaniji fl-Indja jiġu rimborżati perċentwal fiss tal-valur FOB tal-esportazzjonijiet fl-għamla ta' ċertifikat fuq id-dazju. Il-kundizzjonijiet tal-iskema ma jimponux li l-valur taċ-ċertifikat tad-dazju jrid jikkorrispondi għall-ammont ta' taxxi li l-kumpaniji ħallsu, lanqas ma dawk l-ammonti jiġu vverifikati. Fir-rigward tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tal-iskema ta' sussidju, kif imsemmi fil-premessa (77), il-kumpaniji xorta jistgħu jużaw, sal-15 ta' Settembru 2023, iċ-ċertifikat tal-MEIS miksub fl-2021 biex jibbilanċjaw id-dazji fuq l-importazzjoni dovuti. Għalhekk, il-benefiċċji taħt din l-iskema se jkomplu ferm lil hinn mill-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(84) Tata Metaliks Limited sostniet ukoll li l-RoDTEP ma pprovdietx benefiċċji fiż-żmien tal-preżentazzjoni tagħha (fil-31 ta' Marzu 2022), u għalhekk il-Kummissjoni ma tistax tikkunsidra l-fatt li l-benefiċċju kien qed jiġi diskuss bħala s-sussidjar probabbli (futur) tal-prodott ikkonċernat.

([19]) Linji gwida tal-Iskema RoDtep: https://fieo.org/uploads/files/file/Notification%20No_%2019%20English.pdf u https://commerce.gov.in/press-releases/centre-notifies-rodtep-scheme-guidelines-and-rates/

([20]) https://www.livemint.com/industry/govt-should-include-iron-and-steel-in-rodtep-to-make-exports-competitive-eepc-11640938763351.html.

(85) Fir-rigward tal-iskema RoDTEP, il-Kummissjoni nnotat li matul il-kontroverifika mill-bogħod, Tata Metaliks Limited innifisha kkunsidrat li għandha tiġi nnegozjata rata ġdida għall-industrija tal-pajpijiet duttili. Il-fatt li r-rata ma ġietx deċiża fil-mument tal-preżentazzjoni tagħha ma qajjimx dubju dwar il-probabbiltà kbira li r-rata l-ġdida kienet se tiġi stabbilita u s-sussidjar taħt din l-iskema l-ġdida kien se jkompli wara l-2023. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

3.3.2. *Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali*

3.3.2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(86) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li l-iskema msemmija Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali ("EPCGS") ipprovdiet sussidju kumpensabbli, u kienet tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI. Din l-iskema kienet għadha applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(a) ***Bażi ġuridika***

(87) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-kapitolu 5 tal-FTP 2015-2020 u fil-kapitolu 5 tal-HOP 2015-2020.

(b) ***Eliġibbiltà***

(88) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' appoġġ u fornituri ta' servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

(c) ***Implimentazzjoni prattika***

(89) Bil-kundizzjoni ta' obbligu għall-esportazzjoni, kumpanija hija permessa li timporta oġġetti kapitali (oġġetti kapitali ġodda jew użati li ma għandhomx aktar minn 10 snin) b'rata tad-dazju mnaqqsa. Għal dan l-għan, il-GOI joħroġ liċenzja tal-EPCGS wara li ssir applikazzjoni u titħallas miżata. L-iskema tipprevedi rata tad-dazju mnaqqsa fuq l-importazzjoni, applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati skont din l-iskema. Sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jiġi prodott ċertu ammont ta' oġġetti meqjusa għall-esportazzjoni matul perjodu partikolari. Skont l-FTP ta' bejn l-2015 u l-2020 il-prodotti kapitali jistgħu jiġu importati b'rata tad-dazju ta' 0 % skont l-EPCGS. L-obbligu għall-esportazzjoni, li jammonta għal sitt darbiet id-dazju ffrankat, irid jiġi ssodisfat fi ħdan perjodu massimu ta' sitt snin.

(90) Id-detentur ta' liċenzja tal-EPCGS jista' jġib ukoll l-oġġetti kapitali lokalment. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' oġġetti kapitali jista' japprofitta huwa stess mill-benefiċċju ta' importazzjoni mingħajr dazju tal-komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' tali oġġetti kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jiddikjara l-benefiċċju ta' esportazzjoni preżunta fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti kapitali lil detentur tal-liċenzja tal-EPCGS.

(d) ***Konklużjoni dwar l-EPCGS***

(91) L-EPCGS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis tad-dazju jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul tal-GOI mid-dazju, li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li d-dazji ffrankati mill-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(92) Barra minn dan, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, billi tali liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa speċifika u kompensatorja skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

(93) L-EPCGS ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-oġġetti kapitali ma humiex koperti mill-ambitu ta' tali sistemi permissibbli, kif stabbilit fil-punt (I) tal-Anness I tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(94) Fl-investigazzjoni oriġinali, ġie kkalkolat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli, f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq oġġetti kapitali importati mifruxin fuq perjodu, li jirrifletti l-perjodu normali ta' deprezzament ta' dawn l-oġġetti kapitali fl-industrija kkonċernata. L-ammont ikkalkolat b'dan il-mod, li huwa attribwibbli għall-PI, ġie aġġustat biż-żieda tal-imgħax matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur taż-żmien globali tal-flus. Ir-rata kummerċjali tal-imgħax matul il-perjodu tal-investigazzjoni fl-Indja kienet meqjusa xierqa għal dan il-għan. F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrbin mill-kumpaniji sabiex jiksbu s-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju fejn ġie affermat.

(95) F'konformità mal-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat ta' esportazzjoni xieraq matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali bħala d-denominatur xieraq minħabbba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(96) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat bejn 0,03 % u 0,38 %.

3.3.2.2. Kontinwazzjoni tal-iskema ta' sussidju

(97) Fit-talba għal rieżami u fl-annessi korrispondenti, l-applikant ipprovda evidenza li l-produtturi tal-pajpijiet duttili fl-Indja komplew jibbenefikaw mill-iskema. L-eżistenza tal-iskema ġiet ikkonfermata wkoll mill-GOI fit-tweġiba għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet li Tata Metaliks Limited użat l-iskema biex timporta oġġetti kapitali użati fil-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Il-benefiċċju tal-iskema jista' jiġi allokat għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(98) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm raġunijiet biżżejjed li juru li fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami l-produtturi esportaturi komplew jibbenefikaw mis-sussidji skont l-iskema EPCGS.

(99) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat il-livell preċiż ta' sussidjar ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni rrikorriet għall-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Ir-rata tas-sussidju stabbilita fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat bejn 0,03 % u 0,38 % (ara l-premessa (96)).

(100) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell ta' sussidjar mogħti minn din l-iskema fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ma kienx negliġibbli, u fi kwalunkwe każ ma huwiex taħt il-livelli li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali.

(101) Wara d-divulgazzjoni, Tata Metaliks Limited argumentat li l-iskema EPCGS kienet tikkostitwixxi sussidju permissibbli peress li kienet tipprevedi l-eżenzjoni tat-taxxi tal-prodotti esportati meta kienu destinati għall-konsum domestiku, u għalhekk ma setgħetx tiġi kkumpensata.

(102) Kif huwa mfakkar fil-premessa (93), l-oġġetti kapitali ma humiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stabbilit fil-punt (l) tal-Anness I tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

3.3.3. *Skema ta' Restituzzjoni tad-Dazji*

3.3.3.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(103) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat bbenefikaw minn Skema ta' Restituzzjoni tad-Dazji li tipprovdi rimborż ta' ċertu perċentwal ta' valur FOB tal-esportazzjonijiet ("ir-rata tad-DDS"). Ir-rata tad-DDS għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali kienet ta' 1,9 % tal-valur FOB. L-iskema tad-DDS kienet għadha applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(a) ***Bażi ġuridika***

(104) Il-bażi ġuridika applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami kienet ir-Regoli dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali tal-1995 ("ir-Regoli tad-DDS tal-1995"), kif emendati fl-2006 u mbagħad issostitwiti mir-Regoli dwar ir-Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali tal-2017 ("ir-Regoli tal-2017") li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017. Il-metodu ta' kalkolu ta' din l-iskema ta' restituzzjoni tad-dazji huwa deskritt taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regoli tad-DDS tal-1995. L-Artikolu 12(1)(a)(ii) tar-Regoli tad-DDS imsemmija jirregola d-Dikjarazzjoni li l-produtturi esportaturi jeħtieġ li jippreżentaw sabiex jibbenefikaw mill-iskema. Dawn ir-Regoli baqgħu identiċi fir-Regoli tad-DDS tal-2017 u jikkorrispondu mal-Artikolu 3(2) u mal-Artikolu 13(1)(a)(ii) rispettivament.

(105) Barra minn hekk, iċ-Ċirkolari Nru 24/2001 fiha struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandhom jiġu implimentati l-Artikolu 3(2) u d-Dikjarazzjoni li l-esportaturi jeħtieġ li jipproduċu skont ir-Regola 12(1)(a)(ii).

(106) L-Artikolu 4 tar-Regoli tad-DDS tal-1995 jistipula li l-Gvern Ċentrali jista' jirrevedi l-ammont jew ir-rati iddeterminati skont l-Artikolu 3. Il-GOI għamel għadd ta' modifiki, bl-aħħar dawk li rrevedew ir-rati li huma n-Notifika Nru 95/2018 – CUSTOMS u n-Notifika Nru 07/2020 – CUSTOMS.

(107) Ir-rata tad-DDS għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali kienet ta' 1,9 % tal-valur FOB.

(b) ***Eliġibbiltà***

(108) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) ***Implimentazzjoni prattika***

(109) Skont din l-iskema, kwalunkwe kumpanija attiva fl-esportazzjoni ta' prodotti eliġibbli hija intitolata li tirċievi ammont li jikkorrispondi għal perċentwal tal-valur FOB iddikjarat tal-prodott esportat. L-Artikolu 3(2) tar-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali jispeċifika kif għandu jiġi kkalkulat l-ammont tas-sussidju. L-ammont li jista' jiġi rimborżat huwa bbażat fuq valuri medji tal-industrija kollha ta' dazji doganali rilevanti mħallsa fuq materja prima importata u proporzjon ta' konsum medju tal-industrija miġbur minn dak li l-GOI jqis bħala manifatturi rappreżentattivi tal-prodotti eliġibbli għall-esportazzjoni (l-hekk imsejħa "Rata tal-Industrija Kollha" jew "AIR"). Imbagħad, il-GOI jesprimi l-ammont li għandu jiġi rimborżat bħala perċentwal tal-valur medju ta' esportazzjoni ta' prodotti esportati eliġibbli.

(110) Il-GOI juża dan il-perċentwal sabiex jikkalkula l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji li l-esportaturi eliġibbli kollha huma intitolati li jirċievu. Ir-rata għal din l-iskema hija ddeterminata mill-GOI fuq bażi ta' prodott bi prodott.

(111) Skont il-GOI, ir-restituzzjoni tad-dazji tista' tiġi ddeterminata wkoll abbażi tal-inċidenza reali tad-dazju, fil-każ ta' prodotti, li ma humiex eliġibbli għall-"AIR", jew fil-każ ta' kumpaniji, li jsibu li l-"AIR" tagħti lura inqas minn 80 % tal-inċidenza reali tad-dazju/taxxa.

(112) Sabiex tkun eliġibbli biex tibbenifika minn din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Meta d-dettalji tal-konsenja jiddaħħlu fis-server doganali, jiġi indikat li l-esportazzjoni tkun qed issir taħt id-DDS u l-ammont DDS jiġi ffissat b'mod irrevokabbli. Wara l-konsenja u wara li l-kumpanija tkun ippreżentat Manifest Ġenerali tal-Esportazzjoni u l-uffiċċju doganali jkun qabbel b'mod sodisfaċenti dak id-dokument mad-*data* tal-polza ta' kargu, il-kundizzjonijiet kollha jkunu ssodisfati sabiex jawtorizzaw il-ħlas tal-ammont ta' restituzzjoni jew b'pagament dirett fil-kont bankarju tal-esportatur jew b'ċekk.

(113) L-esportatur għandu jipproduċi wkoll evidenza ta' realizzazzjoni tar-rikavati mill-esportazzjoni permezz ta' Dokumentazzjoni Bankarja li Tikkonferma l-Esportazzjoni ("BRC"). Dan id-dokument jista' jiġi pprovdut wara li jkun tħallas l-ammont ta' restituzzjoni. Il-GOI jirkupra l-ammont imħallas jekk l-esportatur jonqos milli jippreżenta l-BRC fi żmien skadenza partikolari.

(114) L-ammont tar-restituzzjoni jista' jintuża għal kwalunkwe skop u, f'konformità mal-istandards Indjani tal-kontabbiltà, l-ammont jista' jitniżżel fuq bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet kummerċjali, mat-twettiq tal-obbligu għall-esportazzjoni.

(d) ***Konklużjoni dwar id-DDS***

(115) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet li d-DDS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(I) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. L-hekk imsejjaħ ammont ta' restituzzjoni tad-dazji huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI minħabba li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett tal-fondi mill-GOI. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-użu ta' dawn il-fondi. Barra minn hekk, l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji jagħti benefiċċju lill-esportatur, peress li jtejjeb il-likwidità tiegħu.

(116) Ir-rata tar-restituzzjoni tad-dazji għall-esportazzjonijiet hija ddeterminata mill-GOI fuq bażi skont il-prodott. Madankollu, għalkemm is-sussidju huwa msejjaħ restituzzjoni tad-dazji, l-iskema ma għandhiex il-karatteristiċi kollha ta' sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew ta' sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permessibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-iskema lanqas ma tikkonforma mar-regoli stabbiliti fl-entrata (I) tal-Anness I, fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-ħlas fi flus kontanti lill-esportatur ma huwiex neċessarjament marbut ma' ħlasijiet attwali ta' dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materja prima, u ma huwiex kreditu ta' dazju sabiex jikkumpensa għad-dazji fuq l-importazzjoni ta' importazzjonijiet ta' materja prima fil-passat jew fil-futur. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ sabiex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni u b'liema ammonti. Barra minn hekk, il-GOI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(117) Il-pagament mill-GOI wara l-esportazzjonijiet li jkun sar minn esportaturi huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u, għalhekk, din l-iskema hija meqjusa bħala speċifika u kompensatorja skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(118) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Konklużjoni kkonkludiet li d-DDS hija kompensatorja.

(e) ***Kalkolu tal-ammont ta' sussidju***

(119) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċevitur (li huwa l-ammont riċevut bħala restituzzjoni tad-dazji), li nstab li jeżisti matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju huwa mogħti lir-riċevitur fil-mument meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni skont din l-iskema. F'dan il-mument, il-GOI jkun obbligat li jħallas l-ammont tar-restituzzjoni, li jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(I) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu polza ta' kargu tal-esportazzjoni li turi, inter alia, l-ammont tar-restituzzjoni li għandu jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, il-GOI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le.

(120) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi ewlenin, kif imsemmi fil-premessa (55), il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika jekk fil-fatt iħallsux dazji tal-importazzjoni għall-materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Li kieku din l-affermazzjoni saret u ġiet ikkonfermata, minkejja n-nuqqas ta' sistema jew proċedura biex jiġi kkonfermat liema inputs jiġu kkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati u b'liema ammonti, il-Kummissjoni kienet twettaq verifika tad-dazji doganali mħallsa għall-kalkolu tar-remissjoni żejda f'konformità mal-Anness II (5) tar-Regolament bażiku.

(121) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li l-benefiċċju skont id-DDS jiġi vvalutat bħala s-somma tal-ammonti ta' restituzzjoni miksuba fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jkunu saru b'din l-iskema matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

(122) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti tas-sussidju fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali bħala d-denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(123) Ir-rati tas-sussidju stabbiliti fir-rigward ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali varjaw bejn 1,37 % u 1,66 %.

3.3.3.2. Kontinwazzjoni tal-iskema ta' sussidju

(124) Fit-talba għal rieżami u fl-annessi korrispondenti, l-applikant ipprovda evidenza li l-industrija tal-pajpijiet duttili kompliet tibbenefika mid-DDS matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Barra minn hekk, il-GOI kkonferma l-kontinwazzjoni tad-DDS fit-tweġiba għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, il-produttur li kkoopera, Tata Metaliks Limited, ukoll ibbenefika mill-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, l-aktar għall-esportazzjonijiet tiegħu lejn pajjiżi terzi.

(125) Fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, kemm Tata Metaliks Limited kif ukoll il-GOI ddikjaraw li d-DDS ma kinitx sussidju kumpensabbli. Il-GOI argumenta wkoll li sabiex tikkostitwixxi sussidju, ir-restituzzjoni ta' taxxi indiretti jew ta' imposti fuq l-importazzjoni trid tkun ogħla mill-ammont ta' tali taxxi jew imposti effettivament imposti fuq l-inputs li jiġu kkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Anke f'każijiet bħal dawn, ir-restituzzjoni żejda biss tista' tkun ikkumpensata, fil-fehma tal-GOI. Biex jappoġġa l-affermazzjoni, il-GOI rrefera għar-Rapport tal-Bord, Unjoni Ewropea – Miżuri kumpensatorji dwar ċertu polietilentereftalat mill-Pakistan, WT/DS486/R.

(126) Il-GOI sostna wkoll li l-eliġibbiltà fi ħdan l-iskema ma kinitx kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u lanqas limitata għal xi settur, industrija u/jew reġjun. Fil-fehma tiegħu, ir-restituzzjoni tinnewtralizza d-dazji Doganali u tas-Sisa Ċentrali mħallsa kkalkolati fuq il-kwantitajiet medji ta' inputs rilevanti (importati u domestiċi), li huma osservati bħala normalment użati fil-manifattura tal-klassi ta' oġġetti esportati. Il-mod differenti ta' kif jinkisbu l-inputs mill-esportaturi individwali huwa kkunsidrat u bbilanċjat fil-medji. Għalhekk, il-GOI kkunsidra li d-DDS kienet rifużjoni tat-taxxa/tad-dazju u mhux sussidju.

(127) Kif deskritt fil-premessi (115)-(118), fl-investigazzjoni oriġinali l-Kummissjoni qieset li d-DDS ma kellhiex il-karatteristiċi kollha ta' sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew ta' sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permessibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet tal-GOI, il-benefiċċji riċevuti mill-kumpaniji taħt id-DDS ma għandhom l-ebda rabta diretta mad-dazji dovuti fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima użata mill-kumpanija fil-prodotti esportati. Kumpanija esportatriċi tirċievi pagamenti fi flus, li jkunu marbutin biss bil-valur FOB tal-esportazzjonijiet tagħha. Il-kumpaniji ma huma meħtieġa jimportaw l-ebda materja prima.

(128) Għalhekk, u peress li l-mekkaniżmu tal-iskema ma jipprevedix valutazzjoni skont il-kumpanija ta' x'inhuma t-taxxi/l-imposti mħallsa għall-inputs tal-produzzjoni kkonsmati, il-Kummissjoni ma tistax tikkunsidra l-ammont sħiħ tar-restituzzjoni tad-dazji skont id-DDS bħala sempliċi kumpens għad-dazji/imposti mħallsa mill-kumpaniji fuq il-materja prima kkonsmata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Fl-aħħar nett, fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi ewlenin, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika r-rabtiet speċifiċi tal-każ bejn il-benefiċċju skont id-DDS u d-dazji potenzjali mħallsa fuq l-importazzjoni tal-materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(129) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, id-DDS kompliet tipprovdi benefiċċju għall-produtturi esportaturi tal-pajpijiet duttili fl-Indja. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' produttur esportatur b'volum rappreżentattiv ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpanija li fuqha jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju mogħti matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Madankollu, biex tinstab il-kontinwazzjoni ta' sussidjar li ntlaħqet fir-rieżami tal-iskadenza attwali, il-Kummissjoni ma qisitx li huwa neċessarju li jiġu kkalkolati dawn l-ammonti. Barra minn hekk, għalkemm mill-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali r-rata ta' restituzzjoni tad-dazji għall-prodott ikkonċernat naqset bi ftit (minn 1,9 % għal 1,8 % u mbagħad għal 1,6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami), ir-regoli tad-DDS baqgħu l-istess. Anki jekk it-tnaqqis (ta' 16 %) tar-rata tad-DDS issarraf fi tnaqqis proporzjonali tal-livelli ta' sussidjar meta mqabbel mal-livelli li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali (ta' 1,37 % sa 1,66 %), il-Kummissjoni qieset li dan il-livell ta' sussidjar skont l-iskema xorta kien mhux negliġibbli.

(130) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, l-iskema tad-DDS kompliet tipprovdi sussidji lill-produtturi tal-pajpijiet duttili.

(131) Wara d-divulgazzjoni, Tata Metaliks Limited argumentat li hemm rabta adegwata bejn ir-rati ta' restituzzjoni u d-dazji mħallsa fuq il-materjali kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Din semmiet, b'mod partikolari, li sabiex jirċievu r-restituzzjoni tad-dazji, l-esportaturi jeħtiġilhom jippreżentaw il-polza ta' kargu, filwaqt li jsemmu it-talba għal restituzzjoni tad-dazji applikabbli għall-prodott. Huwa biss wara verifika li d-Dwana Indjana tiġġenera polza ta' kargu li ssemmi l-ammont ta' restituzzjoni. Għalhekk, fil-fehma tagħha, ir-restituzzjoni tad-dazji ma kinitx tikkostitwixxi remissjoni żejda.

(132) Kif diġà ġie spjegat fid-dettall fil-premessa (109), il-Kummissjoni qieset li t-talba għal restituzzjoni tad-dazji hija relatata ma' perċentwal fiss ta' ammont li għandu jiġi rimborżat. Din innotat li ammont bħal dan mhux neċessarjament jikkorrispondi ma' ammont ta' dazji li kumpanija tħallas għall-inputs ikkonsmati fil-produzzjoni. Barra minn hekk, kif ġie nnotat fil-premessa (128), in-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi għamilha impossibbli li jiġi vverifikat jekk fil-fatt iħallsux dazji tal-importazzjoni għall-materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

3.3.4. *Forniment ta' mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata*

3.3.4.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(133) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni qieset li permezz ta' sett ta' miżuri, il-GOI inkariga lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid biex jipprovdu mineral tal-ħadid b'remunerazzjoni mhux adegwata. Dan il-forniment ta' oġġetti kien jikkostitwixxi benefiċċju finanzjarju għar-riċeventi u nstab li kien speċifiku, u, b'hekk, huwa kompensatorju ([21]).

(134) L-ewwel nett, minn Marzu 2007, il-GOI impona taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-mineral tal-ħadid, inizjalment b'rata ta' 300 INR għal kull tunnellata (li jikkorrispondi għal perċentwal ta' bejn 12 % u 15 %). F'Marzu 2011, ir-rata żdiedet għal 20 %, u f'Diċembru 2011 kompliet tiżdied għal 30 %. Din il-limitazzjoni tal-esportazzjonijiet permezz ta' dazji fuq l-esportazzjoni kienet timmira lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-industriji downstream billi tipprovdi lill-industriji downstream domestiċi b'materja prima u b'inputs irħas.

(135) It-tieni, f'Mejju 2008, il-Ministeru tal-Ferroviji introduċa "Politika Doppja dwar il-Merkanzija" ("DFP"), differenza fl-imposta tal-merkanzija bejn it-trasport tal-mineral tal-ħadid għall-konsum domestiku u dak għall-esportazzjoni. Billi l-merkanzija bil-ferrovija tirrappreżenta parti sinifikanti ħafna mill-kost totali tal-mineral tal-ħadid, id-differenza medja bejn it-trasportazzjoni tal-mineral tal-ħadid għall-konsum domestiku u dak għall-esportazzjoni kienet ta' tliet darbiet.

(136) Għalhekk, dawn iż-żewġ miżuri kellhom l-għan li jiskoraġġixxu l-esportazzjonijiet tal-mineral tal-ħadid, u b'hekk jikkostitwixxu sistema ta' "restrizzjonijiet immirati fuq l-esportazzjoni", li bażikament ġiet stabbilita fl-2007/2008 u kompliet tespandi f'Marzu u f'Diċembru 2011 biż-żidiet fir-rata tad-dazju fuq l-esportazzjoni fuq il-mineral tal-ħadid.

(137) Sabiex tiddetermina jekk l-ewwel element ġiex issodisfat, jiġifieri jekk kienx hemm inkarigu jew direzzjoni lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid mill-GOI, il-Kummissjoni analizzat jekk l-appoġġ tal-GOI lill-industrija tal-pajpijiet duttili (b'mod partikolari permezz tad-distorsjonijiet fil-prezzijiet li nstabu fuq il-mineral tal-ħadid) kienx effettivament "objettiv" ta' politika tal-gvern (għall-kuntrarju ta' "effett sekondarju" biss tal-eżerċitar tas-setgħat regolatorji ġenerali). Il-Kummissjoni nnotat li għadd ta' dokumenti appoġġaw il-konklużjoni tagħha li l-GOI fittex b'mod espliċitu l-appoġġ tal-industrija tal-pajpijiet duttili bħala objettiv ta' politika. B'mod partikolari, ir-Rapport Dang tal-2005 kien fih b'mod espliċitu l-benefiċċju tal-produtturi Indjani tal-azzar bħala objettiv ta' politika (*"aċċess żgurat għall-provvisti indiġeni ta' mineral tal-ħadid bi skont meta mqabbla mal-prezzijiet dinjija*) kif ukoll l-indikazzjoni li dan il-vantaġġ kellu jinżamm u jiġi mħeġġeġ. Il-Kummissjoni osservat li, skont l-objettivi ta' politika stabbiliti f'dak ir-Rapport, il-GOI ħa ċerti miżuri biex jappoġġa b'mod speċifiku l-industrija tiegħu tal-pajpijiet duttili.

(138) Diversi dokumenti uffiċjali wrew ir-rabta bejn l-objettivi ta' politika biex tiġi appoġġata l-industrija tal-pajpijiet duttili u l-miżuri relatati meħuda b'suċċess mill-GOI biex jintlaħqu dawk l-objettivi, b'mod partikolari, ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Industrija tal-Azzar għat-12-il pjan ta' ħames snin, maħruġ f'Novembru 2011.

(139) B'hekk il-Kummissjoni sabet li, bl-impożizzjoni ta' tali limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet (b'mod partikolari permezz ta' taxxi fuq l-esportazzjoni u l-politika doppja tal-merkanzija), il-GOI poġġa lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid Indjani f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, li sfurzathom ibigħu l-prodotti tagħhom għal prezz aktar baxx minn dak li kienu jiksbu fin-nuqqas ta' din il-politika. Fil-fatt, il-miżuri meħuda mill-GOI rrestrinġew il-libertà ta' azzjoni tal-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid billi llimitaw fil-prattika d-deċiżjoni kummerċjali tagħhom dwar fejn ibigħu l-prodott tagħhom u b'liema prezz, u b'hekk wassluhom biex jipprovdu mineral tal-ħadid domestikament għal remunerazzjoni mhux adegwata.

([21]) Ir-Regolament oriġinali, il-premessi (131) – (278).

(140) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-GOI "stenna" li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid ma jnaqqsux b'mod drastiku l-output domestiku (fid-dawl tal-miżuri restrittivi fuq l-esportazzjoni fis-seħħ) iżda li jżommu provvista stabbli ta' mineral tal-ħadid domestiku. Tabilħaqq, il-Kummissjoni osservat li kien faċli li jiġi previst *ex ante* li l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid ma kinux se jfixklu investimenti inizjali sinifikanti u kostijiet fissi għoljin billi jnaqqsu l-output tal-produzzjoni sempliċiment sabiex jevitaw il-provvista żejda u l-pressjoni sussegwenti 'l isfel fuq il-prezzijiet domestiċi skont il-miżuri tal-GOI. Fi kliem ieħor, meta applika l-limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet, il-GOI kien jaf kif il-produtturi tal-mineral tal-ħadid kienu se jwieġbu għall-miżuri u liema konsegwenzi kienu se jirriżultaw minnhom. Fid-dawl tal-operazzjonijiet kummerċjali u tal-istruttura tal-kostijiet tagħhom, filwaqt li dawn il-produtturi jistgħu jbaxxu l-produzzjoni domestika tagħhom xi ftit biex jirrispondu għal-limitazzjoni tal-esportazzjonijiet, huma ma kinux se jwaqqfuha jew jadattawha għal livell baxx ħafna u, tabilħaqq, id-*data* wriet dawk l-effetti maħsuba. Fil-perjodu bejn 2012 u l-2013, il-bejgħ f'esportazzjonijiet naqas b'aktar minn 60 % meta mqabbel mal-2011 sal-2012, u kompla jonqos b'mod sinifikanti, sakemm laħaq tnaqqis ta' 84 % fl-2014 sal-2015, meta mqabbel mal-2011 sal-2012. Fl-istess ħin, il-produzzjoni naqset biss b'24 % bejn l-2011 u l-2012 u bejn l-2014 u l-2015. F'dan is-sens, il-Kummissjoni sabet li l-produtturi tal-input ġew inkarigati jew ordnati mill-gvern biex jipprovdu oġġetti lill-utenti domestiċi tal-mineral tal-ħadid, jiġifieri l-manifatturi tal-azzar, inklużi l-produtturi tal-pajpijiet duttili, għal remunerazzjoni mhux adegwata. Il-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid ingħataw ir-responsabbiltà li joħolqu suq domestiku artifiċjali, kompartimentalizzat u bi prezz baxx fl-Indja u, f'dan ir-rigward, huma aġixxew bħala indikaturi biex il-GOI iwettaq il-politika tiegħu li jipprovdi mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata lill-industrija tal-pajpijiet duttili.

(141) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li turi li l-GOI nnifsu rrikonoxxa s-suċċess tal-politika mmirata tiegħu ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, li turi li r-riżultat kien maħsub u mhux biss effett sekondarju tal-miżuri regolatorji.

(142) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni sabet li l-GOI kien inkariga lill-kumpaniji tal-estrazzjoni biex iwettqu l-politika tiegħu li jinħoloq suq domestiku kompartimentalizzat u li jipprovdu mineral tal-ħadid lill-industrija domestika tal-ħadid u l-azzar għal remunerazzjoni mhux adegwata. Filwaqt li ma kinux miżura sempliċi biex jiżdied id-dħul, id-dazju fuq l-esportazzjoni u d-DFP ammontaw b'mod ċar għall-azzjonijiet affermattivi meħuda mill-GOI biex iwassal lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid biex iwettqu l-objettiv ta' politika ddikjarat biex jappoġġaw lill-industriji tal-ħadid u tal-azzar, u b'mod partikolari, lill-industrija tal-pajpijiet duttili.

(143) Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat it-tieni element, jiġifieri jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid fl-Indja kinux "korpi privati" inkarigati mill-GOI skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament Bażiku dwar is-CVD. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li ż-żewġ produtturi esportaturi Indjani kienu qed jixtru l-maġġoranza l-kbira tal-mineral tal-ħadid minn impriżi privati, ħlief għal kwantità żgħira ta' mineral tal-ħadid mixtrija mill-Korporazzjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Minerali ("NMDC"), li hija kumpanija tal-Istat. Irrispettivament min-natura pubblika tal-NMDC (u l-karatterizzazzjoni potenzjali tagħha bħala "korp pubbliku"), il-Kummissjoni qieset lil dawk il-forniturі kollha bħala "korpi privati" inkarigati jew ordnati mill-GOI skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament Bażiku dwar is-CVD biex jipprovdu mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata.

(144) Fil-pass sussegwenti, il-Kummissjoni vverifikat it-tielet element, jiġifieri jekk il-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid wettqux tabilħaqq il-politika tal-gvern imsemmija hawn fuq li jipprovdu mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjoni laħqu l-għan segwit mill-GOI li jiskoraġġixxi l-esportazzjonijiet u jżomm il-mineral tal-ħadid disponibbli għall-industrija downstream domestika bi prezzijiet aktar baxxi. Minkejja tnaqqis fil-produzzjoni tal-mineral tal-ħadid minħabba l-għeluq ta' xi minjieri fid-dawl ta' raġunijiet ambjentali, is-suq Indjan wera kapaċità żejda kostanti u irrazzjonali meta mqabbla mas-somma tal-konsum domestiku u l-esportazzjonijiet bl-importazzjonijiet imnaqqsa. Dan wassal għal provvista żejda ta' mineral tal-ħadid fis-suq domestiku kif rikonoxxut u mfittex mill-GOI, fid-dawl tal-impossibbiltajiet naturali għall-kumpaniji tal-estrazzjoni biex jadattaw malajr il-produzzjoni tagħhom għal-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet.

(145) Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-impatt tal-provvista żejda ta' mineral tal-ħadid minħabba l-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet tal-GOI fuq il-prezz domestiku tal-mineral tal-ħadid fl-Indja. Filwaqt li ħadet il-prezz tal-importazzjoni tal-mineral tal-ħadid fiċ-Ċina (iċ-Ċina hija l-akbar importatur ta' mineral tal-ħadid) kif ukoll prezz FOB Awstraljan aġġustat (biex jitneħħew il-kostijiet tal-merkanzija internazzjonali) bħala l-eqreb indikaturi possibbli għal prezz domestiku Indjan mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni sabet li l-interventi tal-GOI fuq il-mineral tal-ħadid (li wasslu għal tnaqqis drastiku fl-esportazzjonijiet tal-mineral tal-ħadid u għal provvista żejda fl-Indja) ukoll kellhom impatt fuq il-prezzijiet domestiċi tal-mineral tal-ħadid. L-ewwel nett, mill-2008, il-prezzijiet domestiċi tal-mineral tal-ħadid fl-Indja kienu dejjem aktar baxxi mill-prezzijiet internazzjonali, u t-tieni, filwaqt li l-prezzijiet internazzjonali wrew żieda sinifikanti matul is-snin 2008 sal-2011, li jikkorrispondi għaż-żewġ żminijiet meta ġew introdotti (2007/2008) u msaħħa (2011) il-limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, ix-xejra tal-prezzijiet domestiċi tal-

mineral tal-ħadid fl-Indja kienet pjuttost ċatta, bħallikieku kienet separata u mhux affettwata mis-sitwazzjoni fil-bqija tad-dinja. Għalhekk, skont il-Kummissjoni, il-limitazzjonijiet immirati tal-GOI tal-esportazzjonijiet laħqu l-objettiv li jagħmlu l-mineral tal-ħadid disponibbli lill-industriji domestiċi għal prezzijiet aktar baxxi billi żammew il-prezz Indjan domestiku stabbli, għalkemm il-prezzijiet tal-mineral tal-ħadid kienu qed jiżdiedu b'mod sinifikanti fis-suq dinji. Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-prezzijiet tal-Indja ma kellhomx isegwu x-xejriet tal-prezzijiet internazzjonali, għajr għas-sistema ta' limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet stabbiliti mill-GOI. Li kieku ma kienx hemm il-limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet, il-produtturi Indjani tal-mineral tal-ħadid kienu jibbenefikaw minn bejgħ aktar profittabbli bi prezzijiet internazzjonali ogħla. Minflok, dawn ġew sfurzati jkomplu l-produzzjoni u jipprovdu mineral tal-ħadid lokalment bi prezzijiet aktar baxxi sabiex jiġu implimentati l-objettivi ta' politika tal-GOI.

(146) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni eżaminat l-aħħar żewġ elementi, jiġifieri jekk il-funzjoni li jiġi pprovdut mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata normalment kinitx responsabbiltà tal-GOI, u jekk prattika bħal din, fl-ebda sens ma kienet differenti mill-prattiki normalment segwiti mill-GOI. Il-Kummissjoni sabet li l-forniment ta' mineral tal-ħadid fl-art Indjana lill-industrija tal-azzar Indjana kien funzjoni li hija normalment kompitu tal-GOI, billi l-GOI ddeċieda, permezz tar-regolamenti tiegħu, kif jipprovdi materja prima li tinsab fl-Indja fl-eżerċitar tas-sovranità tiegħu fuq ir-riżorsi naturali tiegħu. Fir-rigward tal-kriterju "fl-ebda sens ma tkun differenti", il-Kummissjoni nnotat li dan il-kriterju jeħtieġ sejba affermattiva li l-forniment ta' oġġetti mill-korpi privati inkarigati ma tvarjax, fl-ebda sens, mill-ipoteżi li l-gvern kien ipprovda tali oġġetti huwa stess. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li ma hemmx differenza, fl-ebda sens, bejn intervent dirett fis-suq billi jiġi pprovdut mineral tal-ħadid b'sistema ta' prezzijiet tal-gvern li jinbidlu kontinwament jew billi r-responsabbiltà għall-provvediment tal-mineral tal-ħadid b'remunerazzjoni mhux adegwata tiġi inkarigata lill-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid.

(147) B'mod kumplessiv, il-Kummissjoni kkonkludiet li bil-limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet, il-GOI sforza lill-kumpaniji domestiċi tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid ibigħu l-mineral tal-ħadid lokalment u inkarigahom jew ordnalhom biex jipprovdu din il-materja prima fl-Indja għal remunerazzjoni mhux adegwata. Il-miżuri inkwistjoni kisbu l-effett mixtieq biex joħolqu distorsjoni fis-suq domestiku tal-mineral tal-ħadid fl-Indja u biex inaqqsu l-prezz għal livell artifiċjalment baxx għall-vantaġġ tal-industrija downstream. Il-funzjoni li jiġi pprovdut mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata hija normalment kompitu tal-gvern, u l-prattika tal-gvern, fl-ebda sens reali, ma tvarja mill-prattiki li normalment jiġu segwiti mill-gvernijiet. Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GOI pprovda kontribuzzjoni finanzjarja indiretta fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (iii) tar-Regolament Bażiku dwar is-CVD, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iv) u (iii) tal-Ftehim SCM.

3.3.4.2. Kontinwazzjoni tal-iskema ta' sussidju

(148) Kemm Tata Metaliks Limited kif ukoll il-GOI ddikjaraw li waħda miż-żewġ limitazzjonijiet immirati tal-esportazzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali, id-DFP, intemmet fl-10 ta' Mejju 2016. Huma ddikjaraw li minn dik id-data, it-trasport tal-mineral tal-ħadid kemm għall-konsum domestiku kif ukoll għall-esportazzjoni huwa soġġett għall-istess kundizzjonijiet u kostijiet.

(149) Il-Kummissjoni vvalutat l-evidenza kollha li tinsab fit-talba għal rieżami u l-annessi korrispondenti dwar il-kontinwazzjoni tal-miżura, kif ukoll l-evidenza li nstabet matul l-investigazzjoni. L-investigazzjoni żvelat li, minkejja t-tmiem tad-DFP f'Mejju 2016, permezz tal-inkarigu tal-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid, fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-GOI kompla jipprovdi mineral tal-ħadid għal remunerazzjoni mhux adegwata lill-produtturi Indjani tal-prodott ikkonċernat.

(150) L-ewwel nett, fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, id-dazju fuq l-esportazzjoni ta' 30 % fuq il-mineral tal-ħadid ta' grad għoli kien għadu fis-seħħ. Il-GOI kkonferma li l-aħħar bidla fid-dazji fuq l-esportazzjoni saret permezz ta' notifika Nru 15/2016-Dwana datata l-1 ta' Marzu 2016 li biha minerali tal-ħadid ta' grad baxx (li jkollhom kontenut ta' ħadid ta' inqas minn 58 %) kienu eżentati mid-dazju fuq l-esportazzjoni (il-mineral tal-ħadid ta' grad baxx ma jintużax mill-kumpaniji tal-pajpijiet duttili).

(151) It-tieni, il-Kummissjoni nnotat li fil-15 ta' Jannar 2021, il-GOI adotta politika ġdida dwar it-traffiku tal-mineral tal-ħadid ([22]). Il-politika (imsejħa "Politika dwar il-Mineral tal-Ħadid, 2021") tistabbilixxi prijoritizzazzjoni relatata mat-tagħbija u mal-ħatt tal-mineral tal-ħadid abbażi ta' kategoriji differenti ta' klijenti fejn it-trasport domestiku tal-mineral tal-ħadid ikollu prijorità fuq it-trasport għall-esportazzjoni. Kif imsemmi b'mod espliċitu, l-għan tal-politika l-ġdida huwa li "*tippromwovi l-manifattura domestika tal-azzar*". Għalhekk, b'mod simili għad-DFP preċedenti, din il-politika l-ġdida tikkostitwixxi wkoll b'mod ċar miżura addizzjonali favur l-industrija domestika tal-azzar implimentata mill-GOI li turi l-objettiv intenzjonat tagħha ta' prezz aktar baxx tal-mineral tal-ħadid għall-benefiċċju tagħha.

([22]) Sit web ta' Indian Railways, https://indianrailways.gov.in/railwayboard/uploads/directorate/traffic_tran/downloads/2021/Policy-Iron-Ore-Traffic-220121.pdf.

(152) It-tielet, minbarra din il-Politika l-ġdida dwar il-Mineral tal-Ħadid tal-2021, għadd ta' dokumenti ta' politika oħra juru, fil-fehma tal-Kummissjoni, li l-GOI kompla bl-isforzi biex jipprovdi lill-industrija domestika b'materja prima orħos mill-investigazzjoni oriġinali u fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(153) Pereżempju, l-objettiv ta' politika li tiġi appoġġata l-industrija domestika tal-azzar ġie kkonfermat mill-Politika Nazzjonali tal-Azzar tal-2017, li għadha tapplika llum ([23]). Din il-Politika tenfasizza l-importanza tal-mineral tal-ħadid disponibbli domestikament bi prezzijiet kompetittivi:

"Id-disponibbiltà tal-materja prima b'rati kompetittivi hija essenzjali għat-tkabbir tal-industrija tal-azzar" ([24]).

"*Il-vantaġġ kompetittiv tal-Indja fil-produzzjoni tal-azzar huwa xprunat, fil-biċċa l-kbira, mid-disponibbiltà indiġena ta' mineral tal-ħadid ta' grad għoli u ta' faħam mhux tal-kokk – iż-żewġ inputs kritiċi tal-produzzjoni tal-azzar*" ([25]).

"Missjoni: *(…) Il-produzzjoni kosteffiċjenti u d-disponibbiltà domestika tal-mineral tal-ħadid, tal-faħam tal-kokk u tal-gass naturali*" ([26]).

"(…) Id-disponibbiltà *tal-materja prima se tiġi żgurata billi jiġi ffaċilitat l-irkant tal-faħam mhux tal-kokk eskluživament għas-settur tal-azzar/tal-ħadid b'konsistenza baxxa u billi tiżdied id-disponibbiltà tal-mineral tal-ħadid fis-suq domestiku*" ([27]).

(154) Id-Dikjarazzjoni tal-Politika tal-Kummerċ Barrani tal-2015-2020 tikkonferma l-politika tal-Indja li tiżgura mineral tal-ħadid downstream irħis domestikament sabiex tesporta prodotti upstream irħas:

> "*It-tneħħija reċenti tal-projbizzjoni fuq l-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid f'xi Stati se tagħti l-libertà lill-attività ta' estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid. Fl-istess ħin, l-Indja se tibda programm ta' manifattura li għalih huwa meħtieġ mineral tal-ħadid lokalment*" ([28]).

(155) Il-Politika Nazzjonali dwar il-Minerali tal-2019 tirrikonoxxi wkoll l-importanza li jkun hemm minerali irħas għall-industriji downstream: "*L-iżgurar tal-aċċess għal provvisti suffiċjenti, affidabbli, għall-but ta' kulħadd, u sostenibbli ta' minerali qed isir fattur dejjem aktar importanti għall-funzjonament tal-industriji downstream u tal-ekonomija ġenerali*" ([29]).

(156) Għalhekk, il-fatti disponibbli għall-Kummissjoni u l-elementi l-ġodda fil-fajl urew li s-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali għadhom validi, u li b'sett ta' miżuri, inkluża sistema ta' limitazzjonijiet tal-esportazzjonijiet, fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami l-GOI kompla jinkariga l-kumpaniji tal-estrazzjoni tal-mineral tal-ħadid biex jipprovdu mineral tal-ħadid b'remunerazzjoni mhux adegwata. B'hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami l-GOI kompla jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja indiretta fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (iii) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iv) u (iii) tal-Ftehim SCM.

(157) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat il-livell preċiż ta' sussidjar ta' din l-iskema matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, u l-Kummissjoni rrikorriet għall-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, u b'mod partikolari t-talba għal rieżami fiha evidenza li l-prezzijiet tal-mineral tal-ħadid fl-Indja baqgħu taħt il-prezzijiet internazzjonali fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(158) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell ta' sussidjar mogħti b'din l-iskema fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ma kienx negliġibbli, u fi kwalunkwe każ mhux taħt il-livelli li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali.

(159) Wara d-divulgazzjoni, Tata Metaliks Limited sostniet li skont il-liġi tad-WTO, id-dazji fuq l-esportazzjoni ma jistgħux jiġu kkumpensati. Barra minn hekk, hija qieset li l-objettiv tal-Politika l-ġdida tal-2020 dwar il-Mineral tal-Ħadid kien biss biex jiġi ffaċilitat it-trasport rapidu u effiċjenti tal-mineral tal-ħadid madwar il-pajjiż, u li din il-politika ma kienet tipprevedi l-ebda benefiċċju finanzjarju. Għalhekk din qieset li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iskema ma kinux korretti.

([23]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar l-Azzar tal-2017, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami.
([24]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar l-Azzar tal-2017, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami, p. 24.
([25]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar l-Azzar tal-2017, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami, p. 20.
([26]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar l-Azzar tal-2017, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami, p. 22.
([27]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar l-Azzar tal-2017, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami, p. 29.
([28]) Ara l-Politika tal-Kummerċ Barrani 2015-2020, p. 43-44, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami.
([29]) Ara l-Politika Nazzjonali dwar il-Minerali tal-2019, p. 9, l-Anness 9 tat-Talba għal rieżami.

(160) Il-Kummissjoni tenniet li, kif imsemmi fil-premessa (151), il-politika l-ġdida dwar il-mineral tal-ħadid kellha l-objettiv li tippromwovi l-manifattura domestika tal-azzar. Fil-fehma tagħha, il-politika l-ġdida kienet tikkostitwixxi b'mod ċar miżura addizzjonali favur l-industrija domestika tal-azzar implimentata mill-GOI. Għalkemm il-miżura ma kinitx tipprevedi sussidju finanzjarju dirett, il-fatt li t-trasport domestiku tal-mineral tal-ħadid għandu prijorità fuq it-trasport għall-esportazzjoni wera b'mod ċar li kien hemm objettiv intenzjonat li jibbenefika lill-industrija Indjana tal-pajpijiet duttili.

(161) Fid-dawl tas-sejbiet dettaljati hawn fuq fil-premessi (148)-(158), il-Kummissjoni sostniet li minkejja l-waqfien tad-DFP f'Mejju 2016, id-dazji fuq l-esportazzjoni flimkien mal-politika l-ġdida dwar il-mineral tal-ħadid kienu jikkostitwixxu sistema ta' "restrizzjonijiet immirati fuq l-esportazzjoni" li permezz tagħhom il-GOI kompla jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja indiretta skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (iii) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iv) u (iii) tal-Ftehim SCM.

3.4. **Konklużjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' sussidjar**

(162) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-produtturi tal-pajpijiet u tat-tubi duttili fl-Indja kompliet tibbenefika minn sussidji kumpensabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Minkejja t-tnaqqis tal-MEIS u tar-rati tad-DDS, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda indikazzjoni li l-livell ta' sussidjar kien naqas sostanzjalment meta mqabbel mal-investigazzjoni oriġinali. L-evidenza fit-talba għal rieżami u pprovduta mill-produttur Indjan li kkoopera pjuttost ikkonfermat li l-benefiċċji taħt dawk is-sussidji xorta jkunu sinifikanti, fi kwalunkwe każ sostanzjalment ogħla minn *de minimis*.

(163) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-produtturi esportaturi Indjani komplew jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni bi prezzijiet sussidjati.

3.5. **Il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar f'każ li l-miżuri jiskadu**

(164) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' sussidjar kontinwu matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar f'każ li l-miżuri jiskadu.

(165) Kif stabbilit fil-premessa (162), ġie stabbilit li matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, l-esportaturi Indjani tal-prodott ikkonċernat komplew jibbenefikaw minn sussidjar kumpensabbli mill-awtoritajiet Indjani.

(166) Il-programmi ta' sussidju jagħtu benefiċċji rikorrenti u ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn il-benefiċċji se jiġu eliminati b'mod gradwali fil-futur prevedibbli, anki jekk l-iskemi infushom jinbidlu ftit. Barra minn hekk, kull esportatur huwa eliġibbli għal diversi sussidji minn dawn.

(167) Ġie eżaminat ukoll jekk l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jsirux f'volumi sinifikanti jekk jitneħħew il-miżuri. Il-Kummissjoni analizzat b'mod partikolari l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, il-prezzijiet mill-Indja lejn pajjiżi terzi u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tad-daqs u l-prezzijiet tas-suq.

3.5.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' riżerva fl-Indja u l-prezzijiet mill-Indja lejn pajjiżi terzi*

(168) Fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-produzzjoni totali stmata tal-produtturi Indjani tal-prodott ikkonċernat kienet ta' madwar 2 miljun tunnellati fis-sena. Il-kapaċità tal-produzzjoni stmata kienet tammonta għal madwar 2,5 miljun tunnellata. Għalhekk, il-kapaċità ta' riżerva kienet tirrappreżenta madwar 500 000 tunnellata fis-sena, li taqbeż il-konsum tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, li kien jammonta għal [388 000 sa 454 000] tunnellata.

(169) Abbażi tal-evidenza ppreżentata mill-applikant u kkonfermata mill-informazzjoni mill-produttur li kkoopera, Tata Metaliks Limited, għadd ta' produtturi Indjani, inkluż Tata Metaliks Limited ([30]), qed jippjanaw li jinvestu f'żidiet ulterjuri fil-kapaċità ([31]). Il-kapaċitajiet addizzjonali totali li għandhom jiġu installati fil-ftit snin li ġejjin huma stmati għal madwar 1,5 miljun tunnellata.

(170) It-tkabbir mistenni fil-kapaċitajiet jikkorrispondi mat-tkabbir stmat tad-domanda fis-suq Indjan. Madankollu, il-produtturi magħrufa ewlenin qed jippjanaw ukoll li jiffokaw fuq is-swieq tal-esportazzjoni ([32]). Pereżempju, il-kumpanija ESL Steel Limited (parti minn Vedanta Group) semmiet b'mod espliċitu, fi studju ta' fattibbiltà, li l-faċilità l-ġdida tagħha kienet tinsab qrib port, li jsaħħaħ iċ-ċans tagħha ta' esportazzjoni. Ir-rapport semma b'mod partikolari potenzjal kbir ta' esportazzjonijiet lejn l-Ewropa tal-Lvant ([33]). Pjanijiet għall-espansjoni lejn is-suq tal-Unjoni fil-futur issemmew ukoll mill-kumpanija li kkooperat, Tata Metaliks Limited matul il-kontroverifika mill-bogħod tat-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju.

(171) Barra minn hekk, skont wieħed mill-atturi ewlenin, il-kumpanija Srikalahasthi Pipes Limited, fuq perjodu ta' żmien medju u twil (seba' (7) sa 10 snin), minħabba li se jiġu ffinalizzati l-proġetti tal-ilma mormi u tal-ilma, se jkun hemm aktar provvista minn domanda fis-suq Indjan. Konsegwentement, dan se jirrappreżenta inċentiv ulterjuri tal-produtturi Indjani biex jiffokaw aktar u aktar fuq is-swieq tal-esportazzjoni.

(172) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Indjani għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti, li jistgħu jużawha sabiex jipproduċu l-prodott ikkonċernat għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, u li din il-kapaċità ta' riżerva hija mistennija tikber aktar.

(173) Fir-rigward tal-prezzijiet mill-Indja lejn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni eżaminathom abbażi tal-istatistika dwar l-esportazzjoni fl-Atlas tal-Kummerċ Globali ("GTA") fil-livell tal-kodiċi NM, jiġifieri 7303 00 30. Abbażi ta' din l-istatistika, il-Kummissjoni stabbiliet li s-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti f'termini tad-daqs u tal-prezzijiet tiegħu peress li huwa bil-bosta l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti għall-produtturi Indjani tal-pajpijiet duttili, li jirrappreżenta 40 % tal-esportazzjonijiet totali tagħhom. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni huma 25 darba ogħla mill-esportazzjonijiet lejn it-tieni l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-Indja, li huwa l-Qatar. Dan tal-aħħar jammonta biss għal 2 % tal-esportazzjonijiet totali Indjani. Fl-aħħar nett, il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi Indjani lejn is-suq tal-Unjoni kienu kemxejn ogħla minn dawk lejn pajjiżi oħra matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Konsegwentement, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi esportaturi jkollhom inċentiv biex iżidu aktar l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni.

3.5.2. *L-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni*

(174) Is-suq tal-pajpijiet duttili fl-Unjoni huwa importanti [minn 388 000 sa 454 000] tunnellata, ara l-premessa (168). L-applikanti jistennew li s-suq ikompli jikber fil-ħames snin li ġejjin ([34]).

(175) Fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-prezz medju għal kull tunnellata fis-suq tal-Unjoni kien ta' EUR [1 020 – 1 200]. Fl-istess perjodu, il-prezz fis-suq domestiku Indjan kien ta' EUR 595 għal kull tunnellata (mill-fabbrika). Għalhekk, il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni kienu madwar darbtejn ogħla meta mqabbla mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja.

(176) Għalhekk, f'termini tad-daqs u l-prezzijiet, is-suq tal-Unjoni baqa' suq attraenti għall-produtturi esportaturi Indjani. Dan huwa appoġġat ukoll mill-fatt li matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, is-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi Indjani fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami baqa' importanti (ara t-Tabella 2), u li, kif spjegat fil-premessa (173) hawn fuq, is-suq tal-Unjoni kien jikkostitwixxi 40 % tal-esportazzjonijiet totali mill-Indja tal-prodott ikkonċernat.

([30]) Iċ-ċirkolari rilevanti hija ppubblikata fuq is-sit web ta' Indian Railways, https://indianrailways.gov.in/railwayboard/uploads/directorate/traffic_comm/Freight_Rate_2016/RC_16_16.pdf.
https://www.tatametaliks.com/tata-metalik-ir-20-21/focus-on-downstream.html#:~:text=Tata%20Metaliks%20had%20foreseen%20the,in%20H1%20FY%202022%2D23.

([31]) L-intenzjoni li jsir investiment fiż-żieda fil-kapaċità saret pubblika mill-produtturi ewlenin tal-prodott ikkonċernat fl-Indja bħal Vedanda

([32]) Talba għal rieżami, l-Anness 17.

([33]) Talba għal rieżami, l-Anness 17.

([34]) Talba għal rieżami, it-Taqsima 5.1.6.

3.6. **Konklużjoni ġenerali dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar**

(177) L-investigazzjoni wriet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami l-importazzjonijiet Indjani komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet sussidjati matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(178) Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li s-sussidjar x'aktarx li jkompli f'każ li l-miżuri jiskadu. Il-kapaċità ta' riżerva fl-Indja kienet sinifikanti meta mqabbla mal-konsum fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Barra minn hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tad-daqs u l-prezzijiet, tappoġġa l-probabbiltà li l-esportazzjonijiet Indjani u l-kapaċità ta' riżerva jkunu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri kompensatorji x'aktarx tirriżulta f'ridirezzjoni tal-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat lejn is-suq tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri kompensatorji x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' sussidjar.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(179) Fl-Unjoni, ħames kumpaniji jipproduċu l-prodott konċernat. Tlieta minn dawn il-kumpaniji huma parti mill-istess grupp. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli mit-talba, ma hemm l-ebda produttur ieħor fl-Unjoni li jipproduċi l-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Għalhekk, huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(180) Peress li d-*data* relatata mal-valutazzjoni tad-dannu kienet primarjament idderivata mill-istess grupp ta' produtturi, kif imsemmi fil-premessa (15), iċ-ċifri għall-analiżi tad-dannu huma mogħtija f'firxiet jew f'forma ta' indiċi għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(181) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ġiet stabbilita għal madwar [372 000 – 436 000] tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli li tirrigwarda l-industrija tal-Unjoni, bħal *data* makro pprovduta mill-applikanti u *data* miġbura mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul l-investigazzjoni.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(182) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volum tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, il-produzzjoni kaptiva abbażi tad-*data* miġbura mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u stimi għall-bqija tal-produtturi tal-Unjoni pprovduti mill-applikanti, flimkien mat-total tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha lejn l-Unjoni kif irrapportat mill-Eurostat (il-bażi tad-*data* Comext).

(183) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (f'1 000 tunnellata)

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Konsum Totali tal-Unjoni	[376 - 440]	[389 - 455]	[420 - 492]	[388 - 454]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*103*	*111*	*103*
Suq kaptiv	[15 - 17]	[13 - 16]	[10 - 12]	[2 - 3]
Indiċi	*100*	*91*	*68*	*18*
Suq ħieles	[361 - 423]	[375 - 439]	[410 - 479]	[385 - 450]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*103*	*113*	*106*

Sors: Comext tal-Eurostat

(184) Il-konsum tal-Unjoni varja matul il-perjodu ta' analiżi. B'mod ġenerali, dan żdied bi ftit bi 3 % fl-2018, żdied bi 8 % fl-2019 u naqas bi 8 % fl-2020. B'riżultat ta' dan, il-konsum żdied bi 3 % matul il-perjodu ta' analiżi.

(185) L-użu ta' pajpijiet tal-ħadid duttili huwa min-natura tiegħu marbut mal-investiment fl-infrastruttura fir-rigward tat-trattament tal-ilma, il-kumpaniji tal-provvista tal-ilma u tat-trattament tal-ilma, kemm jekk pubbliċi kif ukoll privati, jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tad-domanda għall-pajpijiet tal-ħadid duttili fl-Unjoni. Il-pajpijiet duttili jintużaw l-aktar fi proġetti infrastrutturali kbar. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni tal-konsum tal-Unjoni ma wrietx impatt kbir minħabba l-pandemija tal-COVID-19 peress li t-titjib tan-networks tal-ilma għandu prijorità kostanti għall-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, l-evoluzzjoni tal-konsum tal-Unjoni tirrifletti l-evoluzzjoni tal-investiment fl-infrastruttura.

(186) L-industrija tal-Unjoni rrapportat użu kaptiv tal-prodott ikkonċernat, li fl-2017 kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-konsum totali tal-Unjoni, u naqas matul il-perjodu ta' analiżi, biex ġie jirrappreżenta inqas minn 1 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-użu ristrett ma kellu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-analiżi tad-dannu.

4.3. **Importazzjonijiet mill-Indja**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja*

(187) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-Eurostat (il-bażi tad-*data* Comext). Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kien stabbilit fuq il-konsum tal-Unjoni, kif stabbilit fil-premessa (182).

(188) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernati lejn l-Unjoni mill-Indja żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (f'1 000 tunnellata) u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-importazzjonijiet mill-Indja	[45 - 52]	[38 - 45]	[64 - 75]	[44 - 52]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*86*	*143*	*98*
Sehem mis-suq (f'%)	[11 - 15]	[9 - 13]	[14 - 18]	[10 - 14]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*83*	*128*	*95*

Sors: Comext tal-Eurostat

(189) Matul il-perjodu ta' analiżi, il-volumi tal-importazzjoni Indjani u s-sehem mis-suq varjaw b'mod sinifikanti: fl-2018, il-volum tal-importazzjonijiet naqas b'14 %, fl-2019 żdied b'68 % u fl-aħħar nett, matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, naqas b'31 %.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja*

(190) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet medji ponderati tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Comext tal-Eurostat.

(191) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Indja żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
L-Indja	553	562	586	585
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*101*	*105*	*105*

Sors: Comext tal-Eurostat

(192) Fl-2017 u l-2018, il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu pjuttost stabbli. Mill-2019 'l hawn, il-prezzijiet tal-importazzjoni żdiedu b'5 % u baqgħu stabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

4.3.3. *Twaqqigħ tal-prezz*

(193) Kif imsemmi fil-premessa (55), produttur esportatur Indjan wieħed biss kkoopera fl-investigazzjoni. Dan il-produttur iddikjara kwantità negliġibbli esportata lejn l-Unjoni, li kienet tikkorrispondi għal inqas minn 1 % tal-volumi totali tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Indja lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dan il-volum ta' esportazzjoni ma kienx rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni u ddeċidiet li tistabbilixxi t-twaqqigħ tal-prezz abbażi tal-fatti disponibbli.

(194) Il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet medji ponderati tal-importazzjoni CIF Indjani, aġġustati għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, mal-prezz medju ponderat tal-industrija tal-Unjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjoni Indjani waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'madwar [30 – 45] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

4.3.4. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Indja*

(195) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Indja u s-sehem mis-suq tagħhom kienu jammontaw rispettivament għal [8 700 - 20 200] tunnellata u [2 - 4] % tal-konsum tal-Unjoni. Matul il-perjodu ta' analiżi, il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kien f'livelli komparabbli għall-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fl-2017-2018, u madwar 25 % inqas għall-perjodu 2019-2020 (ara t-Tabella 8). Filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi żdied bi ftit, jiġifieri bi 2 %, l-oriġini tal-pajpijiet duttili importati ma kinitx stabbli matul il-perjodu ta' analiżi. Pereżempju, fl-2017, l-importazzjonijiet prinċipali minn pajjiżi terzi ġew miċ-Ċina, mir-Russja u mill-Iżvizzera, filwaqt li matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami l-importaturi prinċipali kienu t-Turkija u l-Emirati Għarab Magħquda.

(196) Il-volum aggregat tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tat-tubi u l-pajpijiet ta' ħadid fondut duttili minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Volum tal-importazzjonijiet u sehem mis-suq minn pajjiżi terzi oħrajn

Pajjiż		2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Iċ-Ċina	Volum (tunnellati)	[2 900 – 3 400]	[1 400 – 1 700]	[3 900 – 4 600]	[200 - 400]
	Indiċi	*100*	*50*	*133*	*10*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 2]	[0 - 1]

	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*48*	*119*	*9*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	701	933	738	833
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*133*	*105*	*118*
Ir-Russja	Volum (tunnellati)	[2 000 – 2 500]	[1 400 – 1 600]	[2 900 – 3 600]	[1 200 – 1 600]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*67*	*147*	*63*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*65*	*132*	*61*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	568	697	735	698
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*122*	*129*	*122*
L-Iżvizzera	Volum (tunnellati)	[3 400 – 4 400]	[1 800 – 2 200]	[1 600 – 2 000]	[800 – 1 000]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*52*	*47*	*23*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*51*	*42*	*23*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 604	1 656	1 714	1 817
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*103*	*106*	*113*
It-Turkija	Volum (tunnellati)	[10 - 20]	[10 - 20]	[3 100 – 3 650]	[4 200 – 5 000]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*115*	*25 750*	*35 070*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]	[1 - 2]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*111*	*23 065*	*34 035*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 136	1 750	838	1 007
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*153*	*73*	*88*
L-Emirati Għarab Magħquda	Volum (tunnellati)	[460 - 590]	[3 700 – 4 400]	[4 800 – 5 600]	[6 400 – 7 600]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*766*	*988*	*1 322*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0- 1]	[0 - 1]	[1 - 2]	[1 - 2]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*741*	*884*	*1 282*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	712	786	722	705
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*110*	*101*	*99*

Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	[10 - 20]	[150 - 200]	[10 - 50]	[150 - 300]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*994*	*200*	*1 457*
	Sehem mis-suq (f'%)	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]	[0 - 1]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*962*	*179*	*1 414*
	Prezz medju	508	1 422	1 980	897
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*279*	*389*	*176*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr l-Indja	Volum (tunnellati)	[8 700 – 11 200]	[8 800 – 10 500]	[16 000 – 19 600]	[13 500 – 15 800]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*94*	*180*	*145*
	Sehem mis-suq (f'%)	[1 - 3]	[1 - 3]	[3 - 5]	[3 - 5]
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*91*	*161*	*141*
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 033	1 004	856	879
	Indiċi (2017 = 100)	*100*	*97*	*82*	*85*

Sors: il-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat

4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(197) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' analiżi.

(198) Kif imsemmi fil-premessa (15), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(199) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni, inkluża fit-talba għal rieżami ta' skadenza. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(200) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-ammont ta' sussidji kumpensabbli, u l-irkupru minn dumping jew sussidjar preċedenti.

(201) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(202) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-produzzjoni (f'1 000 tunnellata)	[408 - 478]	[452 - 530]	[436 - 510]	[372 - 436]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*110*	*106*	*91*
Kapaċità tal-produzzjoni (f'1 000 tunnellata)	[824 - 965]	[824 - 965]	[824 - 965]	[743 - 870]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*100*	*100*	*90*
Użu tal-kapaċità (f'%)	[47 - 51]	[52 - 56]	[50 - 54]	[48 - 51]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*110*	*106*	*101*

Sors: id-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(203) Il-produzzjoni tal-Unjoni naqset b'9 % matul il-perjodu ta' analiżi wara żieda ta' 10 % fl-2018.

(204) Il-kapaċità tal-produzzjoni segwiet xejra simili billi naqset b'10 % matul il-perjodu ta' analiżi.

(205) L-użu tal-kapaċità baqa' stabbli hekk kif it-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni segwa t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni.

(206) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li l-importazzjonijiet mill-Indja ma setgħux kienu raġuni biex l-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha iżda pjuttost it-tnaqqis fid-domanda meta mqabbla mal-2019.

(207) Id-deċiżjoni tal-industrija tal-Unjoni li tnaqqas il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha saret qabel il-kriżi tal-COVID-19 u għalhekk id-deċiżjoni ma kellha l-ebda rabta mat-tnaqqis fil-konsum bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(208) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (f'1 000 tunnellata)	[321 - 376]	[341 - 399]	[338 - 396]	[329 - 386]
Indiċi	*100*	*106*	*105*	*102*
Sehem mis-suq (f'%)	[82 - 88]	[84 - 90]	[77 - 83]	[81 - 87]
Indiċi	*100*	*102*	*94*	*99*

Bejgħ fis-suq kaptiv f'1 000 tunnellata)	[15 - 17]	[13 - 16]	[10 - 12]	[2 - 3]
Indiċi	*100*	*91*	*68*	*18*
Sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq kaptiv (f'%)	[3 - 4]	[3 - 4]	[2 - 3]	[0 - 1]
Indiċi	*100*	*88*	*61*	*18*

Sors: Id-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(209) Il-volum tal-bejgħ tal-prodott simili mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' analiżi u s-sehem mis-suq ma segwewx iż-żieda fil-konsum tal-Unjoni. B'mod partikolari, fl-2019 l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx miż-żieda fil-konsum, għall-kuntrarju tal-importazzjonijiet mill-Indja.

(210) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' għoli f'madwar 85 %, u żdied fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami meta mqabbel mas-snin preċedenti. Il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni kien ukoll konsistentement ogħla mis-sena 2017. Il-volum fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami seta' kien ogħla minħajr l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. Il-parti qieset li l-konklużjoni tal-Kummissjoni ma kinitx tirrifletti s-sitwazzjoni fattwali.

(211) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx minn sehem mis-suq għoli. Kif spjegat fil-premessa (234), il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu qed jagħmlu telf matul il-perjodu kollu ta' analiżi, minħabba l-pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet Indjani (ara l-premessa (245)). Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (209), is-sehem mis-suq tal-Unjoni ma segwiex iż-żieda fil-konsum tal-Unjoni u, għall-kuntrarju tal-importazzjonijiet mill-Indja, il-bejgħ tal-Unjoni ma bbenefikax miż-żieda fil-konsum fl-2019. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.2.3. Tkabbir

(212) Matul il-perjodu ta' analiżi, il-konsum tal-Unjoni żdied bi 3 %, filwaqt li l-volum tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied bi 2 %. Konsegwentement, minkejja ż-żieda fil-konsum, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi ftit matul il-perjodu ta' analiżi.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(213) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżii:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Għadd ta' impjegati	[1 820 – 2 540]	[1 820 – 2 540]	[1 810 – 2 530]	[1 700 – 2 390]
Indiċi	*100*	*100*	*99*	*93*
Produttività (tunnellata/impjegat)	[162 - 226]	[179 - 250]	[173 - 242]	[157 - 220]
Indiċi	*100*	*110*	*107*	*97*

Sors: Id-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(214) L-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni involuti fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat baqa' stabbli matul il-perjodu bejn l-2017 u l-2018 u naqas b'madwar 6 % matul il-perjodu bejn l-2019 u l-2020.

(215) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala output (tunnellati) għal kull impjegat, żdiedet b'10 % matul il-perjodu bejn l-2017 u l-2018 u naqset bi 13 % matul il-perjodu bejn l-2018 u l-2020. Dan jista' jiġi spjegat bħala l-effett ikkombinat ta':

— Waqfa tal-produzzjoni fis-sit tal-produzzjoni ta' produttur prinċipali partikolari tal-Unjoni, li wasslet għal produzzjoni aktar baxxa minn Diċembru 2019 sa Frar 2020, u;

— Inqas produzzjoni mill-produtturi tal-Unjoni matul it-tieni trimestru tal-2020, b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 li ma ġietx imqabbla mal-għadd ta' impjegati li ngħataw is-sensja.

4.4.2.5. Id-daqs tal-ammont ta' sussidjar u l-irkupru mis-sussidjar preċedenti

(216) Kif spjegat fil-premessa (193), kien hemm kooperazzjoni limitata mill-produtturi esportaturi mill-Indja.

(217) L-indikaturi tad-dannu juru li, minkejja l-miżuri antisussidji fis-seħħ mill-2016, li rriżultaw f'xi serħan u fi prestazzjoni mtejba inizjalment, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni baqgħet dannuża. Għalhekk, ma seta' jiġi stabbilit l-ebda rkupru mis-sussidjar tal-passat.

(218) L-ammont ta' sussidjar kien ogħla b'mod sinifikanti mil-livell de minimis. L-impatt tad-daqs tal-ammont reali tas-sussidjar fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja.

(219) Il-prezzijiet mhux ġusti kontinwi mill-esportaturi mill-Indja għamluha wkoll impossibbli li l-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-prattiki ta' sussidjar tal-passat.

(220) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li ma hemm l-ebda żieda assoluta fil-volum tal-importazzjonijiet Indjani u dawn l-importazzjonijiet kellhom biss sehem mis-suq ta' madwar 15 %. Barra minn hekk, il-parti interessata indikat li l-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tjiebet wara l-impożizzjoni tal-miżuri inizjali u naqset minn hemm 'il quddiem. Għalhekk, l-importazzjonijiet Indjani ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(221) Il-Kummissjoni osservat li l-parti interessata ma ssostanzjatx l-affermazzjoni tagħha li l-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tjiebet wara l-impożizzjoni tal-miżuri inizjali. Kif imsemmi fil-premessa (234), il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienet negattiva matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(222) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u kost unitarju

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Prezz unitarju medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	[950 – 1 110]	[960 – 1 130]	[1 020 – 1 190]	[1 020 – 1 200]
Indiċi	*100*	*101*	*107*	*107*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	[1 000 – 1 100]	[900 – 1 100]	[1 000 – 1 100]	[1 000 – 1 200]
Indiċi	*100*	*97*	*101*	*105*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(223) Il-prezz unitarju medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied b'7 % matul il-perjodu ta' analiżi, li jirrifletti ż-żieda tal-kost unitarju tal-produzzjoni (5 %).

(224) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li t-tnaqqis allegat fil-prezzijiet tal-iżbark wera li l-importazzjonijiet ma humiex qed jikkawżaw xi soppressjoni jew depressjoni tal-prezzijiet.

(225) Il-Kummissjoni osservat li l-parti interessata ma ssostanzjatx l-affermazzjoni tagħha kif il-prezzijiet tal-iżbark, li waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'madwar 40 %, matul il-perjodu ta' analiżi ma kkawżaw l-ebda soppressjoni jew depressjoni tal-prezzijiet lill-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(226) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR/impjegat)

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat	[56 000 – 66 000]	[57 000 – 66 000]	[57 000 – 67 000]	[53 000 – 62 000]
Index (2017 = 100)	*100*	*100*	*101*	*94*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(227) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat baqgħu stabbli sal-2019 u naqsu b'6 % matul il-perjodu ta' analiżi. Fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat naqsu hekk kif l-Istat Franċiż iffinanzja l-qgħad minħabba l-għeluq b'konsegwenza tal-COVID-19.

(228) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited innotat li ma hemm l-ebda dannu għall-industrija tal-Unjoni taħt dan il-parametru.

(229) Il-Kummissjoni fakkret li kif spjegat fil-premessa (227) hawn fuq, it-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat kien dovut għal finanzjament straordinarju riċevut mill-Istat Franċiż fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Konsegwentement, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.3.3. Inventarji

(230) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 10

Inventarji

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Stokks tal-għeluq (f'1 000 tunnellata)	[87 - 102]	[77 - 90]	[84 - 98]	[68 - 79]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*88*	*95*	*77*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (f'%)	[20 - 25]	[15 - 17]	[18 - 20]	[18 - 20]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*79*	*89*	*85*

(231) Il-livell tal-istokks tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun baqa' stabbli fir-rigward tal-produzzjoni.

(232) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li l-inventarju naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, u dan juri li l-industrija tal-Unjoni ffukat fuq it-tnaqqis tal-produzzjoni tagħha. Il-parti interessata sostniet li l-inventarju kellu jiżdied minflok, kieku ġie affettwat mill-importazzjonijiet mill-Indja.

(233) Kif jidher fil-premessa (203), it-tnaqqis fl-inventarju osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami mill-parti kien akkumpanjat mit-tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda korrelazzjoni bejn it-tnaqqis fl-inventarju osservat prinċipalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u l-importazzjonijiet mill-Indja, peress li l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Indja ġie osservat mhux biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami iżda matul il-perjodu kollu ta' analiżi. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

4.4.3.4. Profittabbiltà, il-fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(234) Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu meqjus:

Tabella 11

Profitabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (f'% tal-bejgħ)	[- 5 - - 9]	[- 1 - - 5]	[- 1 - - 5]	[- 3 - - 7]
Indiċi (2017 = 100)	*- 100*	*- 33*	*- 36*	*- 69*
Fluss ta' flus (miljuni ta' EUR)	[- 31 - - 37]	[- 46 - - 54]	[- 73 - - 85]	[- 43 - - 51]
Indiċi (2017 = 100)	*- 100*	*- 145*	*- 231*	*- 138*
Investiment (miljuni ta' EUR)	[20 - 24]	[30 - 36]	[33 - 39]	[15 - 18]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*149*	*161*	*73*
Redditu fuq l-investimenti (f'%)	[- 6 - - 8]	[- 7 -- 9]	[- 10 -- 12]	[- 5 - - 7]
Indiċi (2017 = 100)	*- 100*	*- 131*	*- 194*	*- 106*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(235) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-produtturi inklużi fil-kampjun kienet negattiva matul il-perjodu ta' analiżi, u nbidlet minn [-5 - -9] % fl-2017 għal [-3 - -7] % fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(236) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss ta' flus nett li żviluppat baqgħet negattiva matul il-perjodu kollu kkunsidrat, bl-eċċezzjoni tal-2018.

(237) L-investimenti (iffokati prinċipalment fuq l-aġġornamenti tat-tagħmir tal-produzzjoni, iż-żieda fil-kwalità, il-produttività u l-flessibbiltà fil-proċess tal-produzzjoni) żdiedu matul il-perjodu bejn l-2017 u l-2019 u naqsu għall-inqas livell tagħhom fl-2020.

(238) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa xejra simili bħall-profittabbiltà, naqas drastikament fl-2019 u mbagħad tjieb marġinalment fl-2020. Dan baqa' negattiv u mar għall-agħar bi 53 % matul il-perjodu ta' analiżi.

4.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(239) Minkejja l-miżuri kompensatorji fis-seħħ, l-importazzjonijiet Indjani tal-pajpijiet duttili baqgħu sostanzjali b'ishma mis-suq stabbli bejn madwar [9 % - 18 %] % matul il-perjodu ta' analiżi. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, is-sehem mis-suq kien ta' [10 – 14] %. Fl-istess ħin, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet urew xejra ta' tnaqqis u waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'medja ta' [30 – 45] % matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, minkejja l-eżistenza tal-miżuri kompensatorji u anti-dumping.

(240) L-iżvilupp tal-indikaturi makroekonomiċi, b'mod partikolari l-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ, l-impjiegi u l-produttività, urew xejriet stabbli jew li qed jonqsu kemxejn. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami u laħaq livell simili bħal tal-2017. Iż-żieda fis-sehem mis-suq fl-2018, minkejja l-volumi tal-bejgħ relattivament stabbli, hija dovuta għat-tnaqqis fil-konsum matul l-istess perjodu. Għalkemm l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżomm fil-biċċa l-kbira l-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha, dan kien għad-detriment tal-profittabbiltà tagħha u ta' indikaturi finanzjarji oħrajn kif spjegat fil-premessa li ġejja.

(241) Minkejja li l-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni żdied b'7 % matul il-perjodu ta' analiżi, li kien ogħla miż-żieda b'5 % tal-kost tal-produzzjoni, l-industrija tal-Unjoni xorta ma rnexxilhiex tikseb marġnijiet ta' profitt sostenibbli. Minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Indjani, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tkopri l-kost medju tal-produzzjoni u għalhekk, kienet qed tagħmel telf matul il-perjodu ta' analiżi (bl-eċċezzjoni tal-2018 fejn kienet viċin ta' ekwilibriju). B'hekk, l-importazzjonijiet Indjani eżerċitaw ukoll soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet fuq il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Indikaturi finanzjarji oħra (fluss ta' flus, redditu fuq l-investiment) segwew xejra simili għall-profittabbiltà, u wrew valuri negattivi jew baxxi matul il-perjodu ta' analiżi. L-investimenti, għalkemm urew xi żieda fl-2017 u fl-2018, kienu f'livelli ġeneralment baxxi wkoll.

(242) Minħabba dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali.

5. **KAWŻALITÀ**

(243) F'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja tal-prodott ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufin setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja tal-prodott ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet sussidjati.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet sussidjati**

(244) L-ewwel nett, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx hemm rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(245) L-importazzjonijiet Indjani ta' pajpijiet duttili baqgħu sostanzjali b'ishma mis-suq ta' aktar minn 10 % matul il-perjodu kollu ta' analiżi u b'livelli baxxi ta' prezzijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, minkejja l-miżuri kompensatorji u anti-dumping fis-seħħ. Minħabba l-pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet Indjani, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi lill-klijenti tagħha l-kostijiet tagħhom tal-produzzjoni, li wassal għal telf matul il-perjodu kollu ta' analiżi. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-volum u l-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet li qed jiġu investigati kkawżaw dannu materjali.

(246) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li t-tnaqqis fil-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kien dovut għal fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet allegatament issussidjati.

(247) Il-Kummissjoni osservat li l-parti ma ppreżentatx elementi ġodda li jistgħu jreġġgħu l-konklużjoni tagħha. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(248) Tata Metaliks Limited sostniet ukoll li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u l-livell ta' telf irrapportat mill-industrija tal-Unjoni, u għalhekk ma kien hemm l-ebda rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet u l-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(249) Kif imsemmi fil-premessa (194), il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indja waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li l-parti ma ressqet l-ebda evidenza li turi li fatturi oħrajn kellhom impatt fuq l-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(250) Barra minn hekk, Tata Metaliks Limited sostniet li ma setgħetx teżamina l-korrelazzjoni bejn it-twaqqigħ tal-prezz u l-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni peress li l-Kummissjoni ma żvelatx il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz għall-perjodu ta' analiżi.

(251) Il-Kummissjoni nnotat li l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezz ġiet ipprovduta lill-parti. Fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, is-sejbiet fir-rigward tat-twaqqigħ tal-prezz ġew stabbiliti fil-premessi (193) u (194) hawn fuq. Għas-snin 2017, 2018 u 2019, il-premessa (191) ipprovdiet il-prezzijiet ta' unità għall-importazzjonijiet mill-Indja u l-premessa (222) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati. Għalhekk, il-parti kellha l-informazzjoni kollha, li abbaži tagħha l-Kummissjoni kkonkludiet l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezz. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(252) Fl-aħħar nett, il-parti sostniet li l-volumi tal-importazzjoni naqsu bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, il-parti kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda effett ta' volum.

(253) Il-Kummissjoni osservat li l-importazzjonijiet mill-Indja fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami marru lura għal-livelli tal-2017. Barra minn hekk, l-impatt ewlieni tal-importazzjonijiet mill-Indja nstab fil-livell tal-prezzijiet baxxi, li rriżulta fi pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħra**

(254) Il-volumi importati minn pajjiżi terzi oħra kienu jirrappreżentaw biss bejn 2 % - 4 % tas-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Kif jidher fit-tabella 4, matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, il-prezz medju tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi kien 50 % ogħla mill-prezz medju tal-importazzjoni mill-Indja.

(255) Kif indikat fil-premessa (42), parti waħda sostniet li l-kwistjonijiet ġenerali dwar il-kompetittività jenħtieġ li jiġġustifikaw sejba ta' waqfien jew ta' nuqqas ta' rikorrenza ta' dannu. Il-parti elenkat diversi fatturi, bħat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni ta' pajpijiet duttili li naqas mill-kriżi tal-euro li rriżulta fi tnaqqis fl-infiq pubbliku, diffikultajiet biex jiġi attirat il-persunal, iż-żamma tal-pożizzjoni dominanti, il-pressjoni ta' importazzjonijiet Ċiniżi orħos fuq il-proċess ta' offerti għall-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, il-parti sostniet li l-pajpijiet tal-plastik huma l-ewwel kompetitur tal-industrija tal-Unjoni peress li jiswew inqas u b'hekk jattiraw parti sinifikanti mis-sejħiet għall-offerti pubbliċi.

(256) Għall-kuntrarju tal-affermazzjoni tal-parti, il-konsum tal-Unjoni u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdiedu, filwaqt li l-impjiegi baqgħu stabbli matul il-perjodu ta' analiżi. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li l-pajpijiet tal-plastik kisbu ishma mis-suq kontra l-pajpijiet duttili matul il-perjodu ta' analiżi. Ta' min jinnota wkoll li l-pajpijiet tal-plastik ma humiex f'kompetizzjoni mal-pajpijiet b'dijametri kbar. Konsegwentement, dawn il-fatturi ma kkontribwewx għad-dannu li nstab. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet Ċiniżi saru bi prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti mill-importazzjonijiet Indjani, u f'volumi ferm aktar baxxi. Fl-aħħar nett, il-parti naqset milli tispeċifika kif il-pożizzjoni dominanti, jekk kien hemm, setgħet ikkawżat dannu. Għalhekk, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda.

(257) Fir-rigward tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-volumi tal-esportazzjonijiet żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 12

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2017	2018	2019	Perjodu ta' Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-esportazzjonijiet (f'1 000 tunnellata)	[119 - 140]	[147 - 172]	[102 - 119]	[66 - 77]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*122*	*85*	*55*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	[760 - 890]	[750 - 880]	[840 - 980]	[890 – 1 040]
Indiċi (2017 = 100)	*100*	*99*	*110*	*117*

Sors: l-applikant għall-volum u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju għall-valuri

(258) Matul il-perjodu ta' analiżi, il-volumi naqsu bin-nofs. Għalkemm il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet żdiedu bi 17 %, dan ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet tal-produzzjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat kif jidher fit-Tabella 8 hawn fuq. Għalhekk, l-esportazzjonijiet ma naqqsux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-esportazzjonijiet sussidjati mill-Indja u d-dannu li nstab.

(259) Ġew eżaminati wkoll fatturi oħrajn possibbli, bħall-kriżi tal-COVID-19, iżda l-ebda wieħed minnhom ma seta' jnaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet issussidjati.

(260) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li l-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fl-ewwel semestru tal-2020. Il-parti ddikjarat li l-lockdowns inizjali imposti għall-miżuri tas-saħħa pubblika wasslu biex ħafna proġetti ta' kostruzzjoni jieqfu.

(261) Kif deskritt hawn fuq, is-suq tal-Unjoni għall-pajpijiet duttili matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ma kienx affettwat b'mod sinifikanti mil-lockdowns minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Il-konsum totali tal-Unjoni ta' dik is-sena kien simili għas-sena 2018. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(262) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li fatturi oħrajn, meqjusin individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu materjali. Id-dannu huwa ċar b'mod partikolari fl-evoluzzjoni tal-produzzjoni, fl-użu tal-kapaċità, fil-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, fis-sehem mis-suq, fil-produttività, fil-profittabbiltà u fir-redditu fuq l-investimenti.

6. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' DANNU F'KAŻ LI JITNEĦĦEW IL-MIŻURI**

(263) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (242) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(264) F'dan ir-rigward, ġew analizzati l-elementi li ġejjin mill-Kummissjoni: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet fl-Unjoni u l-prezzijiet Indjani; l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-impatt tal-importazzjonijiet potenzjali mill-Indja fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'każ li l-miżuri jiskadu.

6.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' riżerva fl-Indja u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(265) Kif diġà deskritt fil-premessi (168) sa (172), il-kapaċità ta' riżerva disponibbli fl-Indja kienet tirrappreżenta madwar 500 000 tunnellata fis-sena, li jaqbeż il-konsum tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni, li fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami kien jammonta għal [388 000 sa 454 000] tunnellata. Barra minn hekk, il-produtturi Indjani ppjanaw li jinvestu f'kapaċità tal-produzzjoni ġdida. B'hekk, għas-snin li ġejjin se jkun hemm eċċess tal-provvista fuq id-domanda fis-suq Indjan. Konsegwentement, dan se jirrappreżenta inċentiv ulterjuri tal-produtturi Indjani biex jiffokaw aktar u aktar fuq is-swieq tal-esportazzjoni.

(266) Il-kapaċità ta' riżerva disponibbli u futura tal-produtturi esportaturi Indjani tista' tintuża biex tipproduċi l-prodott ikkonċernat biex jiġi esportat lejn is-suq tal-Unjoni f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(267) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-kapaċità tal-produzzjoni ta' riżerva allegata fl-Indja se tintuża neċessarjament għall-produzzjoni ta' pajpijiet duttili u se tiġi esportata b'riżultat ta' aktar provvista milli domanda fl-Indja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma eżaminatx l-attraenza ta' swieq oħra tal-esportazzjoni u ma analizzat l-ebda *data* tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' wara r-rieżami. Fl-aħħar nett, il-parti sostniet li kwalunkwe determinazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidju u dannu għandha tkun ibbażata fuq evidenza pożittiva ([35]). Għalhekk, il-parti kkonkludiet li l-konklużjoni dwar il-probabbiltà ma kinitx korretta.

(268) Il-Kummissjoni osservat li l-parti kkonfermat l-eżistenza ta' kapaċità ta' riżerva fl-Indja. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (168) sa (172) hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet il-kapaċità ta' riżerva inkwistjoni speċifikament għall-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, kif spjegat fl-istess premessi, il-Kummissjoni stabbiliet li fit-tul, id-domanda fis-suq Indjan se tonqos filwaqt li l-parti nnifisha rrikonoxxiet li kellha pjanijiet biex tespandi l-bejgħ tagħha lejn is-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif deskritt fit-Taqsima 6.2 ta' hawn taħt, is-suq tal-Unjoni huwa meqjus attraenti għall-produtturi Indjani, u għalhekk jista' jiġi konkluż li l-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fl-Indja jintużaw biex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni, tal-inqas parzjalment. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(269) Fir-rigward tal-evidenza pożittiva meħtieġa skont il-ġuriżprudenza msemmija, il-Kummissjoni qieset li hija kienet konformi mar-rekwiżiti kollha tal-ġuriżprudenza eżistenti u l-valutazzjoni u l-konklużjoni tagħha tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar u dannu kienu bbażati fuq evidenza pożittiva, miġbura matul l-investigazzjoni. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(270) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri, bil-probabbiltà kollha tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Indja bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk tkompli taggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

6.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(271) Is-suq tal-Unjoni huwa attraenti fir-rigward tad-daqs u l-prezzijiet tiegħu. Kif imsemmi fil-premessa (176), huwa bil-bosta l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti għall-produtturi Indjani tal-pajpijiet duttili, li jirrappreżenta 40 % tal-esportazzjonijiet totali tagħhom. L-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni huma 25 darba ogħla mill-esportazzjonijiet lejn it-tieni l-akbar suq tal-esportazzjoni tagħha, li huwa l-Qatar, li jirrappreżenta 2 % tal-esportazzjonijiet Indjani tal-pajpijiet duttili. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni Indjani lejn is-suq tal-Unjoni kienu kemxejn ogħla minn dawk il-pajjiżi l-oħra matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(272) Minkejja l-miżuri eżistenti, il-produtturi esportaturi Indjani biegħu lill-Unjoni volum sostanzjali ta' pajpijiet duttili matul il-perjodu ta' analiżi u xorta kellhom sehem mis-suq konsiderevoli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ([10 – 14] %). Dawn inbiegħu bi prezz li, anki bl-inklużjoni tad-dazji kompensatorji, waqqa' b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

([35]) L-Istati Uniti – Sunset reviews of Anti-dumping Measures on Oil Country Tubular Goods From Argentina (WT/DS/268/AB/R).

(273) Għalhekk, is-suq tal-Unjoni huwa meqjus attraenti għall-produtturi Indjani, u jista' jiġi konkluż li l-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fl-Indja jintużaw biex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni, tal-inqas parzjalment. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-Indja kien f'livelli għoljin [17 – 19] % fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri qabel l-impożizzjoni tad-dazji kompensatorji.

6.3. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni u/jew rikorrenza tad-dannu**

(274) Fuq din il-bażi, u filwaqt li titqies is-sitwazzjoni dannuża tal-passat u dik attwali tal-industrija tal-Unjoni, in-nuqqas ta' miżuri x'aktarx jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Indja tal-prodott bi prezzijiet dannużi, li twassal għal telf saħansitra ogħla għall-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu, dan x'aktarx iwassal għal żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja bi prezzijiet dannużi, u d-dannu materjali aktarx li jkompli.

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(275) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antisussidji eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-interessi differenti kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-utenti u tal-interessi tal-ordni pubbliku fir-rigward tal-prodott ikkonċernat kif inkorporat fid-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]) ("id-Direttiva dwar l-Ekodisinn") u r-Regolamenti speċifiċi għall-prodott tagħha. F'konformità mat-tielet sentenza tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament bażiku, ingħatat kunsiderazzjoni speċjali għall-ħtieġa li l-industrija tiġi protetta mill-effetti negattivi ta' sussidjar dannuż.

(276) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament bażiku.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(277) L-industrija tal-Unjoni tinsab fi tliet Stati Membri (Franza, il-Ġermanja u Spanja), u timpjega direttament aktar minn 2 200 impjegat fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

(278) Il-miżuri antisussidji fis-seħħ ma waqqfux l-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(279) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet minn dan il-pajjiż f'każ li l-miżuri jiskadu. L-influss ta' volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Indja jikkawża aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(280) Wara d-divulgazzjoni finali, Tata Metaliks Limited sostniet li l-industrija tal-Unjoni kienet protetta għal aktar minn sitt snin filwaqt li kellha sehem mis-suq ta' 85 %. Għalhekk, ma huwiex probabbli li l-industrija tal-Unjoni tiġi affettwata f'każ li l-miżuri eżistenti jitħassru. F'każ li l-Unjoni tiġi affettwata, tista' titlob lill-Kummissjoni tibda investigazzjoni ġdida.

([36]) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-Ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10. Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn hija implimentata permezz ta' Regolamenti speċifiċi għall-prodotti li japplikaw direttament fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni. Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn ikopri r-rekwiżiti l-ġodda dwar l-Ekodisinn fir-rigward ta' transformers tal-potenza żgħar, medji u kbar. Il-Grad 1 tar-Regolament dwar l-Ekodisinn daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015, u l-Grad 2 fl-1 ta' Lulju 2021. Ir-rekwiżiti tal-Grad 2 huma aktar stretti minn dawk tal-Grad 1. Għalkemm l-effetti sħaħ għadhom ma jistgħux jiġu vvalutati fuq perjodu ta' żmien daqshekk qasir mid-dħul fis-seħħ tal-Grad 2, huwa ġeneralment mifhum li dawn ir-rekwiżiti tal-Grad 2 se jeħtieġu t-tipi tal-ogħla kwalità ta' GOES għad-disinn u l-manifattura tat-transformers b'mod kosteffiċjenti u fi ħdan il-limitazzjonijiet tal-ispazju meħtieġa.

(281) Għall-kuntrarju tal-affermazzjoni li saret mill-parti interessata, il-Kummissjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni għadha qed iġġarrab dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati mill-Indja, abbażi tal-analiżi tal-indikaturi rilevanti kollha tad-dannu, inkluż l-iżvilupp tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu x'aktarx li jkompli u jiddeterjora f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(282) B'hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri antisussidji kontra l-Indja hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi, negozjanti u utenti mhux relatati**

(283) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-importaturi, lin-negozjanti u lill-utenti mhux relatati magħrufa kollha. L-ebda wieħed minnhom ma wieġeb għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni.

(284) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jindika li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-importaturi u l-utenti, li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

7.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(285) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Indja.

8. **MIŻURI ANTISUSSIDJI**

(286) Abbażi tal-konklużjonijiet li laħqet il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidju, il-kontinwazzjoni tad-dannu u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jinżammu l-miżuri antisussidji fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali) mill-Indja.

(287) Wara l-iżvelar, Tata Metaliks Limited argumentat li kontinwazzjoni tal-miżuri jenħtieġ li titqies bħala eċċezzjoni u mhux in-norma. Din irreferiet b'mod partikolari għall-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 21.3 tal-Ftehim ASCM, li jiddikjaraw li miżura għandha tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun meħtieġa u għandha tiskadi ħames snin mill-impożizzjoni tagħha. Peress li d-dazji ġew estiżi sakemm isir dan ir-rieżami, hija argumentat li sa meta dan ir-rieżami x'aktarx li jiġi konkluż, id-dazji diġà se jkunu ilhom fis-seħħ għal aktar minn seba' snin. Għal din ir-raġuni, din talbet lill-Kummissjoni ttemm l-investigazzjoni.

(288) Il-Kummissjoni fakkret li d-deċiżjoni li jitkomplew il-miżuri kienet ibbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-fatti kollha li nstabu matul l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-miżuri la kienet awtomatika u lanqas ma kienet tikkostitwixxi "norma". B'hekk hija ċaħdet l-affermazzjoni li l-miżuri jenħtieġ li jintemmu.

(289) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji kompensatorji individwali. Il-kumpaniji b'dazji kompensatorji individwali jeħtiġilhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju kompensatorju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(290) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati individwali tad-dazju kompensatorju għall-importazzjonijiet, din ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(291) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', inter alia, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(292) Ir-rati tad-dazju kompensatorju tal-kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Indja u li jiġi manifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jiġux soġġetti għal xi rati individwali ta' dazju kompensatorju.

(293) Wara d-divulgazzjoni, Tata Metaliks Limited talbet lill-Kummissjoni biex tassenjalha marġni kompensatorju individwali. Alternattivament, hija qieset li l-Kummissjoni jenħtieġ li tal-anqas tikkunsidra li testendi r-rati kompensatorji individwali assenjati lill-produtturi kooperattivi l-oħra tal-prodott ikkonċernat mill-Indja fl-investigazzjoni oriġinali lilha, fid-dawl tal-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza.

(294) Il-Kummissjoni fakkret li l-objettiv ta' investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku huwa biss li jiġi ddeterminat jekk il-miżuri eżistenti għadhomx meħtieġa u ma jippermettix l-istabbiliment ta' rati tad-dazju individwali għall-kumpaniji li ma kkooperawx fl-investigazzjoni oriġinali. Dawn l-affermazzjonijiet jistgħu jiġu indirizzati biss taħt investigazzjonijiet ta' rieżami skont l-Artikolu 19(3) jew 19(4) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, it-talba ġiet miċħuda.

(295) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati tad-dazju kompensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([37]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(296) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]), meta jkollu jiġi rimborżat ammont fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li għandu jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(297) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kompensatorju definittiv huwa hawnhekk impost fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali), bl-esklużjoni ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili mingħajr kisi minn ġewwa u minn barra ("pajpijiet mikxufin"), li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7303 00 10 (kodiċi TARIC 7303 00 10 10) u ex 7303 00 90 (kodiċi TARIC 7303 00 90 10), li joriġinaw mill-Indja.

([37]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([38]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Ir-rati tad-dazju kompensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kompensatorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Jindal Saw Limited	6,0 %	C054
Electrosteel Castings Ltd	9,0 %	C055
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	9,0 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju kompensatorju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt(a), niċċertifika li l-(volum) ta' tubi u pajpijiet ta' ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala ħadid fondut bil-grafit sferojdali) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fl-Indja. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN